IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 10.11.2010
KUMM(2010) 658 finali

2010/0324 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Kull sena, il-Kunsill tal-Ministri huwa marbut sabiex jieħu deċiżjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fl-Atlantiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fis-sajd internazzjonali li jipparteċipaw fihom il-bastimenti tal-UE. Dan huwa r-regolament ewlieni tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-għadd tal-istokkijiet regolati. Flimkien mar-regolamenti li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-Baħar Baltiku, għall-Baħar l-Iswed u għall-istokkijiet tal-baħar fond (dawn tal-aħħar joħorġu kull sentejn), dawn ir-regolamenti jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet għal-livelli li għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd. F'dan ir-rigward, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd][1] jistabbilixxi l-għanijiet għall-proposti annwali għal-limitazzjonijiet tal-isforz tal-qbid u tas-sajd biex ikun żgurat li s-sajd tal-UE jkun sostenibbli fuq il-livell ekoloġiku, ekonomiku u soċjali.

L-opportunitajiet tas-sajd li huma ffissati f'dawn ir-regolamenti jirriflettu l-grad ta' suċċess tal-Politika fit-totalità tagħha. Il-firxa ta' strumenti utilizzati mill-Unjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika għandhom, flimkien, jaħdmu biex jiżguraw li l-bażi tar-riżorsi tas-sajd Ewropew hija sfruttata fil-livell xieraq u ma taqbiżx dan il-livell. Dik il-ġestjoni mhijiex biss ir-riżultat tal-limitazzjoni fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Il-politika tal-flotta u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd, biex wieħed isemmi biss żewġ oqsma oħra li fihom il-Politika tiżviluppa miżuri regolatorji, jistgħu jkunu determinanti f'dan ir-rispett. Il-karatteristika ewlenija tal-eżerċizzju annwali tal-opportunitajiet tas-sajd hija fil-fatt iż-żmien qasir li jieħu. Dan huwa essenzjalment dovut għal raġunijiet storiċi, li jirrelataw mal-mod li bih il-PKS tipprovdi għall-qsim tal-ispazju marittimu u tar-riżorsi fih bejn il-flotot nazzjonali tal-UE. Huwa importanti li jinżamm proċess li jiġi mġedded kull sena għal dan il-patt mifrux mal-UE kollha abbażi tal-Politika. Madankollu, dan ma jfixkilx l-introduzzjoni ta' approċċi ta' ġestjoni fuq żmien twil. L-Unjoni għamlet progress tajjeb f'dan ir-rigward u bħalissa stokkijiet ewlenija ta' interess kummerċjali huma suġġetti għal pjanijiet multiannwali ta' ġestjoni li jridu jkunu konformi magħhom it-TACs u l-limiti tal-isforz. Il-valutazzjoni ġenerali hija li l-pjanijiet multiannwali jaħdmu, peress li ħafna stokkijiet li huma regolati b'dan il-mod jinsabu f'sitwazzjoni aħjar mill-oħrajn. Huwa biss mill-perspettiva fit-tul li, speċjalment fi żminijiet ta' skarsezza, ir-regolatur jista' jistenna li jimplimenta politika bis-sens li tagħti lilha nnifisha ċans ġust sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ilha ħames snin li ppubblikat Komunikazzjoni li tanalizza l-istat tas-sitwazzjoni li jridu jirreaġixxu għaliha l-proposti tal-opportunitajiet tas-sajd. Din is-sena, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet għas-Sajd fl-2011 (COM(2010)241 finali), tinnota xi aħbarijiet tajbin, peress li tjieb l-istat ta' xi stokkijiet. Madankollu, bosta stokkijiet tal-ħut għadhom suġġetti għal parir sabiex il-qabdiet jitnaqqsu għal żero jew għall-aktar livell baxx possibbli. Ħafna stokkijiet jinsabu barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri. Minkejja miżuri ta' konservazzjoni imposti skont il-PKS, hemm wisq stokkijiet li huma f'dawn il-kategoriji

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

vulnerabbli u l-istokkijiet li tjiebu huma ftit wisq. L-analiżi tikkonferma li għandna bżonn insaħħu l-miżuri ta' konservazzjoni għall-istokkijiet tal-ħut li huma sfruttati żżejjed.

Għall-2011, il-parir tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd (STECF) għal darb'oħra jenfasizza l-istat fqir ta' ħafna riżorsi tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE. Iżda, jinnota titjib f'ċerti stokkijiet importanti bħall-marlozz, il-lingwata u l-petriċi. B'risposta għat-talba tal-Kummissjoni, l-ICES qed tagħti parir dwar strateġija sabiex tintlaħaq ġestjoni li hija konsistenti mal-ogħla rendiment sostenibbli (MSY - Maximum Sustainable Yield) fl-2015. Din hija xi ħaġa li l-Unjoni impenjat ruħha li tagħmel meta qablet mal-konklużjonijiet tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 li sar f'Johannesburg kif ukoll mal-Pjan ta' Implimentazzjoni marbut ma' dan.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-iffissar u l-qsim tal-possibilitajiet tas-sajd jaqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-Unjoni. L-obbligi tal-UE dwar l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

L-opportunitajiet tas-sajd deċiżi mill-Unjoni dwar l-istokkijiet tal-ħut transżonali u tal-ħut li jpassi ħafna għandhom ikunu skont il-ftehimiet internazzjonali, fost oħrajn il-ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut transżonali u l-istokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna. Din il-proposta timplimenta fil-liġi tal-UE l-miżuri ta' konservazzjoni dwar dawn l-istokkijiet li hemm qbil dwarhom bejn l-Unjoni u l-kontrapartijiet internazzjonali tagħha, meta dawn jissarrfu f'opportunitajiet tas-sajd, kemm jekk ikunu limiti tal-qbid kif ukoll limiti tal-isforz tas-sajd.

Għall-istokkijiet li l-ġestjoni tagħhom hija r-responsabbiltà unika tal-Unjoni, l-opportunitajiet tas-sajd proposti jirriflettu l-parir xjentifiku li ħadet il-Kummissjoni dwar l-istat tal-istokkijiet. Abbażi ta' dan, jiġu determinati l-limiti tal-qbid konformi mal-pjanijiet multiannwali ta' ġestjoni. Għall-istokkijiet li mhumiex koperti minn dawn il-pjanijiet, it-TACs proposti jirriflettu l-parir xjentifiku kif mogħti fil-Komunikazzjoni COM(2010)241 finali. Fil-fatt, il-Komunikazzjoni tagħti għadd ta' risposti ta' ġestjoni meqjusa xierqa għal kull wieħed mix-xenarji varji li jistgħu joħorġu mill-parir xjentifiku, skont l-istatus tal-istokk (minn "sfruttat b'mod sostenibbli" għal "stat eżawrit") jew skont ix-xejriet osservati jekk id-dejta disponibbli ma tippermettix valutazzjoni preċiża. L-istokkijiet huma mpoġġija f'*kategoriji*. Wara jingħataw *regoli* għal kull kategorija biex ikunu determinati l-limiti tal-qbid/tal-isforz li għandhom japplikaw.

Il-parir xjentifiku huwa essenzjalemnt dipendenti fuq id-dejta. L-uniċi stokkijiet li jistgħu jiġu vvalutati huma dawk li għandhom dejta biżżejjed u li hija affidabbli. B'hekk jiġu prodotti stimi tad-daqs tal-istokkijiet, kif ukoll jitbassar kif dawn se jirreaġixxu għal xenarji varji ta' sfruttar (dan huwa riferit bħala "tabelli tal-alternattivi tal-qbid"). Din is-sitwazzjoni teżisti biss għal għadd ta' stokkijiet regolati. Għall-bqija tal-istokkijiet, il-ġestjoni trid tiġi bbażata fuq ix-xejriet osservati li joħorġu minn indikaturi bħall-qbid irrappurtat, li jistgħu jkunu ftit jew wisq affidabbli. F'ċerti każijiet, in-nuqqas ta' dejta affidabbli twaqqaf lix-xjentisti milli jagħtu parir anke fuq ix-xejriet. F'dawn il-każijiet kollha, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-opportunitajiet tas-sajd abbażi tal-Approċċ ta' Prekawzjoni, u b'hekk jimplimenta miżuri ta' konservazzjoni. Xi drabi, dan l-approċċ huw diffiċli biex jiġi segwit meta jitqiesu l-interessi varji involuti. Madankollu,

il-Kummissjoni hija marbuta li tagħmel proposti skont dan il-prinċipju. B'mod partikolari, huwa essenzjali li r-regola tiġi applikata b'mod strett biex ma jkun hemm l-ebda żieda fil-pressjoni tas-sajd sakemm il-parir xjentifiku jindika li dan huwa possibbli mingħajr ma ssir ħsara lill-istokk ikkonċernat.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta huma applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2010, bl-eċċezzjoni ta' ċerti limiti tal-isforz li huma applikabbli sal-31 ta' Jannar 2011.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma mfassla skont l-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wieġbu*

Il-proposta tqis il-konsultazzjonijiet li saru mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura (l-'ACFA' huwa magħmul minn rappreżentanti minn organizzazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw is-settur tal-produzzjoni, l-industrija tal-ipproċessar u l-kummerċ fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kif ukoll organizzazzjonijiet mhux professjonali li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, l-ambjent u dawk marbuta mal-iżvilupp) u mal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) li għandhom interess fis-sajd ikkonċernat mill-proposta.

Dawn il-konsultazzjonijiet seħħew abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib fil-konsultazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd Komunitarju (COM(2006)246 finali), li tistabbilixxi l-prinċipji għall-hekk imsejjaħ proċess ta' antiċipazzjoni *(front-loading)*.

F'dan il-qafas, il-Kummissjoni żviluppat erba' dokumenti ta' konsultazzjoni dwar suġġetti speċifiċi rilevanti għal din il-proposta, jiġifieri:

– Il-ġestjoni strutturata spazjalment tan-Nephrops fiż-Żona VII;

– Is-separazzjoni taż-żoni tat-TAC għall-Barbun tat-Tbajja' fiż-Żoni VIId u VIIe;

– Il-ġestjoni tal-Isforz fiż-Żona VIIfg: Approċċ Ekosistemiku;

– Id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni li jindirizzaw l-inċertezzi fl-istokkijiet tal-kategorija 11.

L-ewwel żewġ dokumenti jiddiskutu l-aġġustamenti tekniċi għall-implimentazzjoni spazjali tal-limiti tal-qbid u l-kalkoli meħtieġa biex l-ishma tal-kwota tal-Istati Membri jiġu allinjati skont dawn. It-tielet dokument jiddiskuti l-introduzzjoni ta' limiti tal-isforz bħala risposta għall-parir ġenerali dwar l-istokkijiet tal-Baħar Ċeltiku biex jiġu ffriżati jew jitnaqqas l-isforz tas-sajd. L-aħħar dokument jiddiskuti approċċ possibbli lejn it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar stokkijiet li x-xjentisti mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu parir dwarhom minħabba nuqqas ta' dejta xierqa, u qed jiġi diskuss bil-ħsieb li jkun hemm proposta għall-2012. Dan minħabba li l-implimentazzjoni tal-approċċ propost għandha l-ewwel titwettaq fi ħdan il-proċess tal-parir xjentifiku fl-ewwel nofs tas-sena 2011.

Dawn id-dokumenti ta' antiċipazzjoni ġew ippreżentati lill-Istati Membri kif ukoll

mibgħuta lill-RACs biex tingħatalhom l-opportunità li jagħtu l-opinjoni tagħhom. Il-Kummissjoni organizzat laqgħa konġunta bejn l-ACFA u l-RACs fl-14 ta' Ottubru. Qabel din il-laqgħa sar seminar miftuħ (bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, tal-Membri tal-Parlament Ewropew, tal-esperti tas-sajd, tal-partijiet interessati, tal-istampa u tal-pubbliku) fl-14 ta' Settembru li fih ġew ippreżentati u diskussi r-riżultati tal-parir xjentifiku u l-implikazzjonijiet ewlenin tiegħu.

Il-proċess ta' konsultazzjoni kien ibbażat ukoll fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet għas-Sajd fl-2011 (COM(2010)241 finali) li tistabbilixxi l-opinjonijiet u l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proposti tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd, sakemm jingħata l-parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet fl-2011.

*Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif tqiesu*

Filwaqt li l-proċess ta antiċipazzjoni jiffoka fuq l-aspetti tekniċi, ir-reazzjoni għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd tirrifletti l-opinjonijiet tal-Istati Membri u tal-Partijiet Interessati dwar l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-istat tar-riżorsi u kif tista' tiġi żgurata reazzjoni xierqa ta' ġestjoni.

F'dan ir-rigward, erba' Stati Membri u 4 korpi ta' konsultazzjoni Reġjonali taw ir-reazzjonijiet tagħhom dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-punti magħmula minn kull RAC li wieġeb jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

**RAC tal-Ilmijiet tax-Xlokk:**

- Jappoġġa l-mira tal-MSY u jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma bdietx timxi qabel lejn din il-mira. Din il-mira għandha tiġi implimentata fil-kuntest ekosistemiku ta' sajd imħallat. Madankollu, jiddispjaċih li dan l-approċċ se jirriżulta fi tnaqqis akbar tat-TAC milli kieku sar mod ieħor għall-istokkijiet tal-kategoriji 2 u 3.
- Dwar id-devoluzzjoni tad-deċiżjonijiet lill-Istati Membri tat-TAC fejn hemm Stat Membru wieħed, l-SWWRAC iqis li għandu jinbeda mekkaniżmu għal konsultazzjoni fis-settur, mhux biss delegazzjoni għall-Istati Membri.
- Jappoġġa l-pjanijiet multiannwali, imma dawn għandhom jinkludu miżuri tekniċi, limiti tal-kapaċità u tal-isforz, eċċ. u jiżviluppaw f'qafas reġjonali.
- Jenfasizza l-problema tan-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika.
- Juri dubji dwar id-dejta tal-isforz għall-istokk tal-marlozz tan-Nofsinhar.
- Jopponi movimenti lejn livelli ta' qbid medji għall-kategoriji 6 u 9.

**RAC tal-Ilmijiet tal-Majjistral**

- Jinnota l-obbligu leġiżlattiv tal-UE biex tintlaħaq il-mira tal-MSY. Madankollu, fid-dawl tal-inċertezzi xjentifiċi u n-nuqqas ta' dejta, il-Kummissjoni se jkollha twettaq għażliet lejn in-naħa ta' prekawzjoni tal-medda. L-istess bħall-SWWRAC, l-RAC jibża' li dan se jirriżulta fi tnaqqis akbar tat-TAC meta mqabbel mas-snin ta' qabel għall-istokkijiet tal-kategoriji 2 u 3. Il-membri tal-industrija tal-RAC jirrikonoxxu li huwa impossibbli li ssir valutazzjoni tal-effetti soċjoekonomiċi fuq is-sajjieda kollha tal-proposti tal-2011 magħmula skont il-prinċipju l-ġdid għal kull stokk. Madankollu, jenfasizzaw li valutazzjoni bħal din għandha ssir qabel ma tiġi imposta bidla ta' sinifikat għoli fid-direzzjoni tal-politika.
- Fir-rigward tal-ġestjoni tal-Baħar Ċeltiku, l-NWWRAC huwa iktar favorevoli li jkun

hemm limitu fuq il-kapaċità tas-sajd aktar milli limitu tal-isforz.

– Fir-rigward tal-ġestjoni tal-barbun tat-tbajja' fis-subdiviżjonijiet VIId u VIIe, l-RAC ma jaqbilx mal-qsim propost fit-TAC għal raġunijiet relatati mat-taħlit taż-żewġ stokkijiet, u jemmen li l-Istati Membri involuti f'dan is-sajd huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġġestixxu t-TAC biex jilħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà.

– L-NWWRAC jipproponi li jkun żviluppat pjan integrat ta' ġestjoni tas-sajd għas-sajd tal-ksampu fiż-żona VIIa, li għandu jindirizza wkoll il-konservazzjoni tal-merlangu u tal-lingwata, peress li dawn huma essenzjalment qabdiet sekondarji f'dan it-tip ta' sajd.

**RAC Pelaġiku**

– Jixtieq li kieku l-Kummissjoni ppreżentat stampa aktar pożittiva dwar l-istokkijiet pelaġiċi.

– Jappoġġa l-qafas tal-ICES dwar l-MSY.

– Jixtieq li kieku kien hemm rikonoxximent tal-fatt li t-TACs għall-ispeċijiet pelaġiċi qed jiġu ffissati skont il-parir xjentifiku.

– Ikompli jargumenta favur dejta aħjar.

– Jixtieq jara pjan fuq żmien twil għall-aringi tal-Punent fil-Baltiku.

– Jiddispjaċih dwar id-dewmien għall-adozzjoni tal-pjan multiannwali għas-sawrell tal-Punent.

– Jinnota l-ħtieġa għal proċess biex jiġu analizzati stimi tar-rati tal-mortalità tal-ħut li huma konsistenti mal-MSY (Fmsy).

– Jiddispjaċih dwar in-nuqqas tal-analiżi soċjali u ekonomika.

**RAC tal-Baħar tat-Tramuntana**

– Jippreferi approċċ multispeċifiku abbażi tal-ekosistema;

– Jopponi t-tnaqqis ta' 25% għall-istokkijiet fil-kategoriji 2 u 10; it-tnaqqis għandu jkun ta' 15% biss;

– Minflok ma jkun hemm moviment lejn l-Fmsy f'4 passi ugwali sal-2015, jkun aħjar li tinżamm ftit flessibbiltà;

– Juri tħassib dwar għadd kbir ta' stokkijiet li jinsabu f'sitwazzjoni fejn teżisti dejta fqira u jippromwovi l-użu tal-informazzjoni mingħand is-sajjieda;

– Jafferma li t-tnaqqis kontinwu fl-isforz qed jikkawża r-rimi lura tal-ħut;

– Jiddispjaċih dwar in-nuqqas tal-analiżi soċjali u ekonomika għad-deċiżjonijiet li jsiru matul is-sena;

– Jixtieq li kull inizjattiva dwar id-devoluzzjoni tar-responsabbiltajiet tkun tinkludi lill-partijiet interessati;

– Iżid kjarifika dwar il-limiti massimi tal-isforz għall-ispeċijiet tal-baħar fond, biex jindika li l-limiti massimi huma stabbiliti b'referenza għall-prestazzjoni b'rabta mas-sajd ta' kull Stat Membru b'mod separat;

– Jopponi t-tnaqqis għall-istokkijiet tal-"Kategorija 11".

* * *

Il-partijiet interessati jinsistu fuq il-prinċipju li bih kull tibdil fit-TACs u fil-Kwoti annwali jkun gradwali, biex jiġi minimizzat it-tfixkil tal-attività ekonomika fuq żmien qasir. Kif ħareġ ċar mill-ispjegazzjoni dettaljata tal-proposta ta' hawn taħt, il-prinċipju ta' aġġustament gradwali u l-limitu ta' tibdiliet annwali fil-possibbiltajiet tas-sajd ġew inkorporati fil-proposta, kull fejn dan kien possibbli, mingħajr ma ġiet iddeterjorata l-qagħda tar-riżorsi vulnerabbli.

Il-partijiet interessati jirreaġixxu wkoll għall-għan li jinbnew l-istokkijiet mill-ġdid għall-Ogħla Rendiment Sostenibbli skont l-impenn li ttieħed mill-Unjoni fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2002 f'Johannesburg. Huma ġeneralment jaqblu mal-għan, imma jiddispjaċihom li l-iżvilupp ta' approċċ gradwali biex jintlaħaq dan l-għan fl-2015 jista' issa jkun ta' piż kbir fuq l-industrija, peress li issa fadal biss 5 snin biex ikun attwat. Huma jistennew li l-aġġustamenti meħtieġa jistgħu jnaqqsu l-aspettattivi tal-qbid tagħhom għall-istokkijiet li jinsabu fi stat mhux ħażin ta' konservazzjoni. Fil-fatt, għal stokkijiet bħal dawn, l-għan tal-MSY jista' jitlob qabdiet moderati biex jittieħdu l-aqwa benefiċċji mill-istatus aħjar tagħhom, meta mqabbel mal-livelli tal-qbid li l-għan tagħhom huwa sempliċiment li l-istokk jinżamm f'limiti bijoloġiċi sikuri. Għall-istokkijiet fejn hemm bażi teknika biżżejjed biex wieħed jipproċedi 'l quddiem b'din l-istrateġija, l-approċċ li għandu jittieħed ġie ssuġġerit mill-ICES, li fil-fatt jipproponi approċċ abbażi ta' passi lejn l-MSY imma b'salvagwardji addizzjonali applikati għall-istokkijiet li jinsabu f'livelli baxxi. Jekk wieħed isegwi l-opinjonijiet tal-RACs dwar l-istokkijiet li huma relattivament fi stat tajjeb dan iwassal sabiex jiġi rrinunzjat l-għan ta' Johannesburg, preċiżament għar-riżorsi li dan iqis bħala l-aktar probabbli.

Il-partijiet interessati jaqblu mhux ħażin dwar il-ħtieġa tad-devoluzzjoni tar-responsabbiltà lejn l-industrija. Ir-risposti kollha jenfasizzaw il-ħtieġa ta' dejta aħjar u jippproponu rwol aktar attiv tal-industrija tas-sajd sabiex tipprovdi din id-dejta lix-xjenzati. Madankollu, id-devoluzzjoni tar-responsabblità tinvolvi li wieħed jassumi l-konsegwenzi fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' azzjoni. Dawn il-konsegwenzi jsiru aktar evidenti bl-evoluzzjoni tal-istat tal-istokkijiet. Jekk din ma titjiebx, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jibqgħu baxxi jew saħanistra jkomplu jonqsu.

- Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert

*Dominji xjentifiċi/ta' għarfien espert ikkonċernati*

Il-bijoloġija tas-sajd u l-ekonomiji tas-sajd.

*Metodoloġija użata*

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-ICES, korp xjentifiku indipendenti internazzjonali, u organizzat il-laqgħa plenarja tal-STECF. Il-parir tal-ICES huwa bbażat fuq il-qafas ta' parir żviluppat fi ħdan l-ICES u użat skont it-talbiet tal-klijenti tagħhom, fosthom il-Kummissjoni. L-STECF jagħti l-parir tiegħu billi jsegwi termini ta' referenza li jirċievi mingħand il-Kummissjoni.

*Organizzazzjonijiet/Esperti ewlenin ikkonsultati*

- Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

- Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

*Sommarju tal-parir li ngħata u ntuża*

Għall-ewwel darba fl-2010 l-ICES ta tliet għażliet fil-parir tiegħu, li jikkorrispondu għal:

(1) l-implimentazzjoni tal-qafas ta' "Approċċ ta' Prekawzjoni", li huwa pprovdut għall-kontinwità storika;

(2) l-applikazzjoni immedjata tal-qafas tal-MSY tal-ICES;

(3) l-implimentazzjoni gradwali tal-qafas tal-MSY tal-ICES, li twassal għall-implimentazzjoni sħiħa fl-2015 (skont is-Samit Dinji ta' Johannesburg).

Dawn l-għażliet jingħataw flimkien mal-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu implimentati r-regoli msemmija fil-Komunikazzjoni COM(2010)241 finali, inkluża t-tranżizzjoni gradwali mir-rati attwali tal-mortalità tal-ħut għal rati konsistenti mal-MSY (Fmsy) sal-2015.

Skont l-oqsma, l-aktar punti importanti li joħorġu mill-parir li jkun ingħata jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

– Il-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat (iż-żoni tal-ICES IIa (ilmijiet tal-UE), III, IV)

Huwa possibbli li jkun hemm żidiet żgħar għall-barbun tat-tbajja'.
Jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis żgħir għal-lingwata, għall-aringi, għan-Nephrops, għall-haddock, għall-merlangu u għall-pollakkju (saithe).
Il-mortalità tas-sajd fost il-merluzz ilha tiżdied mill-2007 u l-istokk għadu taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa, anke jekk ittieħdu miżuri lejn l-iskansament tar-rimi. Il-qabdiet stmati huma madwar tliet darbiet aktar mill-kwota.
L-aringi u l-haddock għadhom qed jiġu mistada b'mod konsistenti mal-MSY.

– Il-Baħar Gaeliku (iż-żona tal-ICES VI)

Is-sajd demersali f'din iż-żona kważi stadu għall–whitefish kollu u issa qed jistrieħu fuq is-sajd għan-Nephrops, il-petriċi u l-megrim.
Petriċi Stħarriġiet ġodda juru tnaqqis fl-abbundanza mill-2007 u fil-bijomassa mill-2009. Dan jindika l-ħtieġa li tiġi applikata l-kategorija 7 u tnaqqis ta' 15% fit-TAC.
Il-whitefish għadu problematiku. Minkejja l-miżuri (ikkontestati ħafna) tekniċi ġodda fil-Punent tal-Iskozja, l-għadd ta' haddock mormi lura xorta kien ta' 66% fl-2009. Il-haddock għadu ħafna aktar inqas mill-$B_{lim}$; Il-merlangu wkoll jinsab fi stat ta' kollass; il-merluzz qed juri żieda żgħira ħafna imma xorta għadu ħafna aktar inqas mill $B_{lim}$ ukoll.
Il-parir fuq in-Nephrops huwa għal darb'oħra restrittiv u jimplika tnaqqis ta' 15%.
Hemm bażi fqira ta' għarfien minħabba rapporti mhux affidabbli dwar il-qbid.
Il-pjan tal-merluzz jeħtieġ tnaqqis ieħor ta' 25% fit-TAC u fl-isforz.

– Il-Baħar Irlandiż (iż-żona tal-ICES VIIa)

Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess mis-sena l-oħra:
Għad hemm problemi kontinwi dwar ir-rappurtar tal-qbid;
M'hemm l-ebda soluzzjoni fid-deher għall-problema tat-tnaqqis tal-merlangu jew tal-lingwata.
Il-pjan tal-merluzz jeħtieġ mill-inqas tnaqqis ieħor ta' 25% fit-TAC u fl-isforz.
Is-sajd kollu huwa fi stat ta' tnaqqis minbarra l-barbun tat-tbajja' u l-aringi.
Hemm il-ħtieġa li tkun ikkunsidrata analiżi fil-fond tas-sajd f'din iż-żona.

– Il-Baħar Ċeltiku (iż-żona tal-ICES VIIb sa k)

L-istat ħażin tal-ksampu fil-Porcupine Bank huwa kkonfermat, imma hemm sinjali ta'

inkoraġġiment dwar l-effetti tal-waqfa staġjonali implimentata fl-2010.
Ir-rati tar-rimi tal-ksampu huma stmati madwar 20 sa 25%.
Il-valutazzjoni u l-parir għal-lingwata fiż-żona VIIe qed jerġgħu jiddaħħlu: il-pjan multiannwali qed jitħaddem mill-ġdid.
Żieda fit-TAC tal-petriċi hija possibbli, madankollu dan il-parir ma jqisx iż-żieda li diġà kien hemm qbil dwarha s-sena l-oħra mill-Kunsill.

– Il-Bajja ta' Biscay u ż-Żona Iberika tal-Atlantiku

Jidher li hemm sinjali ta' tnaqqis fl-inċova fl-ilmijiet Iberiċi tal-Punent.
Huwa possibbli li jiżdied it-TAC tal-petriċi.
L-implimentazzjoni tal-pjan għall-marlozz tan-Nofsinhar ma kienx effettiv: ir-rata tal-mortalità ma naqsitx u t-TACs inqabżu sew.
Tnaqqis żgħir fit-TAC għall-megrims.
Ksampu: tnaqqis ta' 10% fiż-żoni VIIIc u IXa; ebda tibdil fiż-żona VIIIab.
Jeħtieġ li jkun hemm tnaqqis fit-TAC għal-lingwata fil-Bajja ta' Biscay.

– Stokkijiet tal-baħar fond (iż-żoni kollha)

Xi indiċi tal-abbundanza juru xejriet ta' żieda għal-lipp, it-tusk u l-linarda, iżda l-informazzjoni disponibbli ma tippermettix li tinħareġ konklużjoni dwar ix-xejriet fid-daqs tal-istokk.
Ix-xjenzati qed ikomplu jagħtu l-parir li l-għodda primarja ta' ġestjoni għandha tkun ir-restrizzjonijiet fuq l-isforz u li l-miżuri jridu jitkomplew jew jiġu estiżi biex jiġi evitat l-eżawriment ta' aggregazzjonijiet lokali ta' ċerti speċijiet (l-orange roughy, il-linarda)

L-STECF jikkonferma, u f'ċerti każijiet jiżviluppa fuq, il-pariri mogħtija mill-ICES.

*Mezzi użati sabiex il-parir tal-esperti jsir disponibbli pubblikament*

Ir-rapporti kollha tal-STECF jinsabu, wara li ġew formalment adottati mill-Kummissjoni, fuq il-websajt tad-DĠ MARE. Ir-rapporti kollha tal-ICES huma disponsibbli fuq il-websajt tiegħu.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd ma għadux strument li jippermetti lill-Kunsill biex waħdu jadotta pakketti ta' miżuri, u jrid jillimita lilu nnifsu għall-ambitu stabbilit mill-Artikolu 43(3) tat-TFUE. Għalhekk, huwa adattat tajjeb għal approċċ ta' ġestjoni skont ir-riżultati. Jekk il-politika, fit-totalità tagħha, taħdem aħjar, l-opportunitajiet tas-sajd annwali jitjiebu. Dan jinkludi, b'mod notevoli, il-ġestjoni tal-flotta, l-appoġġ strutturali, il-kontroll u t-tisħiħ, ir-regolazzjoni tas-swieq u l-integrazzjoni tal-għodda ta' ġestjoni f'politika marittima komprensiva. Madankollu, tibqa' l-ħtieġa li dan l-istrument jintuża biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa biex tiġi kkonservata l-bażi tar-riżorsa għall-industrija tal-ħsad u tal-ipproċessar Ewropea, u jiġu evitati jew ikkoreġuti l-impatti negattivi ta' mortalità li hija għolja wisq fuq l-ambjent tal-baħar.

L-Unjoni adottat għadd ta' pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali għal stokkijiet ta' importanza ekonomika ewlenija, inklużi l-marlozz, il-merluzz, il-ħut ċatt u oħrajn. Qabel ġew adottati, pjanijiet bħal dawn ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' Valutazzjoni tal-Impatt. Ladarba jkunu fis-seħħ, huma jiddeterminaw il-livelli tat-TAC li jridu jkunu ffissati għas-sena mogħtija sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom fuq perjodu twil ta' żmien. Il-Kummissjoni hija marbuta li tagħmel il-proposti tagħha għat-TACs skont

dawn il-pjanijiet. B'riżultat ta' dan, ħafna TACs kruċjali inklużi fil-proposta huma r-riżultat tal-valutazzjoni tal-Impatt speċifika mwettqa għall-pjan li fuqhom huma bbażati.

Għall-bqija, u minkejja l-fatt li mhemmx pjanijiet multiannwali fis-seħħ għall-istokkijiet rilevanti, il-proposta tfittex li tevita approċċi fuq żmien qasir billi tiffavorixxi deċiżjonijiet ta' sostenibbiltà fuq żmien twil. F'ħafna każijiet, dan jinvolvi tnaqqis aktar gradwali fl-opportunitajiet tas-sajd.

B'konsegwenza ta' dan, TACs imnaqqsa fuq żmien qasir se jwasslu għal possibbiltajiet akbar ta' qbid hekk kif l-istokkijiet sfruttati żżejjed jirkupraw. Il-konsegwenzi tal-approċċ fuq żmien medju għal twil huma mbassra li jkunu ta' impatt imnaqqas fuq l-ambjent bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-isforz tas-sajd, tnaqqis fil-qasam tal-qbid f'termini ta' għadd ta' bastimenti u/jew fil-medja tal-isforz tas-sajd għal kull bastiment, u l-istess ammont jew aktar ta' ħatt fuq l-art.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Is-sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-limiti tal-qbid u tal-isforz li huma applikabbli għas-sajd tal-UE, u għas-sajd internazzjonali li fih jieħdu sehem bastimenti tal-UE, sabiex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiġi żgurat sajd f'livelli li huma bijoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE huwa f'idejn il-Kunsill biex jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill propost jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. B'kunsiderazzjoni għall-Artikolu 20(3) tar-Regolament 2371/2002 l-Istati Membri huma min-naħa tagħhom liberi biex jallokaw opportunitajiet bħal dawn bejn ir-reġjuni jew l-operaturi kif iħossu li jkun xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju kemm iridu biex jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom.

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji ġodda għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jeżistu.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Strumenti proposti: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002.

## 4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali), partikolarment fir-rigward ta' rekwiżiti marbuta mal-ġestjoni tal-isforzi.

- **Il-klawżola ta' eżami/reviżjoni/terminazzjoni**

Il-proposta tirrigwarda Regolament annwali għas-sena 2011 u għalhekk ma tinkludix klawżola ta' reviżjoni.

- **L-ispjegazzjoni dettaljata tal-proposta**
- It-Trattat ta' Liżbona jistabbilixxi l-kodeċiżjoni bħala l-proċedura ordinarja għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet marbuta mal-PKS. Fl-Artikolu 43(3) tat-Trattat hemm prevista eċċezzjoni fir-rigward ta' miżuri "dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd". Dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, mingħajr l-involviment tal-Parlament. Għalhekk, din il-proposta hija limitata għall-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali mal-użu ta' dawk l-opportunitajiet.

Fir-rigward tal-limiti tal-qbid u l-ġestjoni tal-isforz, il-proposta hija skont il-prinċipji tal-hekk imsejjaħ proċess ta' antiċipazzjoni, li huma stipulati fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib fil-konsultazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd Komunitarju (COM(2006)246 finali) u fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet għas-Sajd għall-2011 (COM(2010)241 finali), li tistabbilixxi l-opinjonijiet u l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proposti tagħha għall-opportunitajiet tas-sajd, sakemm jingħata l-parir xjentifiku dwar il-qagħda tal-istokkijiet għall-2011.

Skont dik il-Komunikazzjoni, għal għadd dejjem ikbar ta' stokkijiet, bħal pereżempju l-merluzz, il-lingwata, il-barbun tat-tbajja' u n-nephrops, ġew stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont ir-regoli stabbiliti fil-pjanijiet multiannwali rilevanti. Għal dawk l-istokkijiet li għalihom ġew proposti pjanijiet multiannwali ġodda (l-istokk tas-sawrell tal-Punent), kif ukoll għal dawk l-istokkijiet li għalihom il-Kunsill u l-Kummissjoni kkommettew irwieħhom permezz ta' dikjarazzjoni adottata fil-Kunsill ta' Diċembru tal-2009 (l-aringi fil-Baħar Ċeltiku u l-haddock fiż-żoni Vb u VIa), il-proposta ssegwi r-regoli stipulati fiha.

Is-sitwazzjoni speċifika tal-istokk tal-merluzz għandha tiġi enfasizzata b'mod partikolari. Fl-Ilmijiet tal-Punent (il-Baħar Irlandiż, il-Punent tal-Iskozja u l-Kattegat),

dawn l-istokkijiet huma taħt il-5 % tal-bijomassa verġni tagħhom u għalhekk, inqerdu. Dawn l-istokkijiet, flimkien mal-istokk mifrux mal-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant, huma soġġetti għal pjan multiannwali ta' ġestjoni (ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008) li, fid-dawl ta' parir xjentifiku, mhux qed jiġi implimentat sew. L-istat tal-istokk qed ikompli jiddeterjora, minflok ma jitjieb. It-teħid huwa stmat li hu ogħla mil-livelli regolati, u dan juri nuqqas ta' kontroll adegwat tas-sajd u nuqqas ta' dejta affidabbli, inkluż ir-rimi. Għal tliet stokkijiet (il-Baħar Irlandiż, il-Punent tal-Iskozja u l-Kattegat) dan jirriżulta, għal darb'oħra, f'"sitwazzjoni ta' dejta fqira" u l-ebda sinjal ta' treġġieh lura tax-xejriet li wasslu lil dawn l-istokkijiet għall-istat attwali tagħhom ta' kollass. Għall-merluzz tal-Baħar tat-Tramuntana, is-sitwazzjoni trid tiġi diskussa man-Norveġja, għax dan huwa stokk maqsum. Imma għall-istokkijiet li jinsabu taħt ir-responsabbilità tal-Unjoni biss, l-Artikolu 10(2) tal-pjan ta' ġestjoni jistipula li l-Kunsill għandu japplika miżuri aktar stretti minn dawk normalment applikabbli jekk l-STECF jagħti l-parir li l-istokkijiet qed jonqsu milli jirkupraw sew. Hemm informazzjoni biżżejjed fil-parir mogħti sabiex wieħed jikkonkludi li din id-dispożizzjoni tista' tapplika, u fil-fatt kemm l-ICES kif ukoll l-STECF stess jinnutaw dan b'mod ċar. Jidher xieraq li dan is-sajd għandu jitwaqqaf gradwalment, peress li l-istokkijiet jinsabu fi stat ta' kollass. Għalhekk, il-proposta tipprovdi għal tnaqqis ta' 50% fit-TAC aktar milli tnaqqis ta' 25% li normalment jiġi applikat. F'kull każ, japplika tnaqqis tal-isforz ta' 25%. Sussegwentement, se jiġi propost TAC ta' żero għall-istaġun tas-sajd tal-2012. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se titlob lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkontrollaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod rigoruż. Barra minn hekk, il-proposta hija f'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tas-sostenibbiltà fis-sajd tal-UE permezz tal-ogħla rendiment sostenibbli (COM(2006)360 finali), peress li l-opportunitajiet tas-sajd proposti ma jinvolvux żidiet fil-mortalità tal-ħut għall-istokkjiet rilevanti. Żidiet bħal dawn ikunu f'kunflitt mal-impenn li ħadu l-UE u l-Istati Membri fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Johannesburg sabiex iżommu jew jirrestawraw l-istokkijiet għal-livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, bl-għan li dawn il-miri jinkisbu b'urġenza għall-istokkijiet eżawriti, u fejn hu possibbli mhux aktar tard mill-2015.

Fir-rigward tal-possibbiltà introdotta s-sena li għaddiet dwar qabdiet addizzjonali tal-merluzz ta' mhux aktar minn 5 % tal-kwota għas-sajd għall-merluzz li hija ddokumentata b'mod sħiħ, dawn jibqgħu f'din il-proposta imma f'parentesi kwadrati, peress li dawn id-dispożizzjonijiet huma soġġett għall-ftehim man-Norveġja. F'kull każ, inizjattiva bħal din għandha tkun soġġetta għal evalwazzjoni xjentifika *ex-ante*, b'mod partikolari mill-STECF. Abbażi ta' dan, huwa previst inċentiv fil-kwota tal-qabda fil-proposta għat-TAC tal-lingwata fiż-żona VIIe.

Il-proposta tinkludi limiti tal-qbid maqbula fil-kuntest ta' ċerti Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd. Il-limiti tal-qbid u rakkomandazzjonijiet oħra mill-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonn tan-Nofsinhar (CCSBT), il-Kummissjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Antartiku (CCAMLR), il-Kummissjoni tas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC), l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO), il-Konvenzjoni tas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali (WCPFC), il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) u l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), għandhom jinħarġu wara l-laqgħat annwali ta' dawn l-organizzazzjonijiet li se jsiru bejn Ottubru u Diċembru 2010. It-TACs għall-istokkijiet

fl-ilmijiet tal-Groenlandja, kif ukoll stokkijiet maqsuma b'mod konġunt man-Norveġja u mal-Gżejjer Faeroe, għadhom mhumiex disponibbli, sakemm jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet f'Novembru u Diċembru tal-2010. Dawn it-TACs huma ppreżentati bħala *pro memoria* (pm).

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-isforz, mill-2009 ġiet applikata sistema abbażi ta' jiem kilowatt għas-sajd tal-merluzz u se tkompli fl-2011.

Għall-ġestjoni tal-isforz għal-lingwata fil-Kanal tal-Punent u għall-marlozz tan-Nofsinhar u n-nephrops, is-sistema ta' ġestjoni ta' jiem fuq il-baħar għal kull tip ta' bastiment li għandu prestazzjoni b'rabta mas-sajd, se tkompli tapplika matul l-2011, iżda r-Regolament propost se jibqa' jippermetti lill-Istati Membri biex japplikaw sistema ta' jiem kilowatt sabiex jagħmlu użu aktar effikaċi tal-opportunitajiet tas-sajd u sabiex jistimula prattiki ta' konservazzjoni bi ftehim mas-settur tas-sajd. Fir-rigward speċifiku tar-regoli tal-isforz għas-sajd għall-marlozz tan-Nofsinhar u għan-Nephrops, il-proposta se tirrazzjonalizza s-sistema biex tistabbilixxi l-limiti massimi tal-isforz applikabbli għal kull Stat Membru. Mil-2011 'il quddiem, iċ-ċifra attwali għal kull Stat Membru se tkun speċifikata fir-regolament. Dan se jippermetti proċess aktar trasparenti biex jiġu riallokati l-jiem fuq il-baħar irkuprati mill-bastimenti skreppjati f'dan is-sajd, u li jirriżultaw f'ċifri speċifiċi għal kull Stat Membru skont l-attivitajiet ta' skreppjar tagħhom.

L-ikbar sforz tas-sajd permess stipulat għall-istokkijiet varji fl-Anness II, kemm jekk huwa mkejjel f'jiem fuq il-baħar għal kull bastiment inkella bħala jiem kilowatt għal kull grupp tal-isforz, huwa attwalment indikat b'mod provviżorju u jista' jeħtieġ li jkun aġġornat fid-dawl tal-parir finali mill-STECF wara l-laqgħa plenarja f'Novembru 2010. Il-metodoloġija għall-iffissar tal-isforz finali tas-sajd għas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV ukoll għadha qed tiġi analizzata.

Il-proposta tiġbor fiha miżuri dwar il-limitu tal-isforz tas-sajd fil-Baħar Ċeltiku li huma proposti għall-ewwel darba għall-eżerċizzju regolatorju tal-2011. Dawn il-miżuri proposti jikkonsistu fl-istabbiliment ta' limitu fuq l-isforz tas-sajd għal din iż-żona li tkun tapplika għas-sajd kollu mingħajr distinzjoni. Il-limitu propost li għandu jiġi stabbilit huwa ta' tnaqqis ta' 10% fuq il-livelli tal-isforz użati fis-sena ta' referenza tal-2007. Din is-sena ta' referenza ntgħażlet biex jiġi evitat li jkunu ppenalizzati l-Istati Membri li implimentaw tnaqqis fl-aħħar ftit snin imqabbla ma' dawk li fil-fatt żiedu l-livelli tal-isforz tagħhom fiż-żona matul l-istess perjodu. Il-miżura hija ġustifikata mill-fatt li l-parir xjentifiku għal bosta stokkijiet f'din iż-Żona huwa jew li jitnaqqas jew li ma jiżdiedx l-isforz. Għalhekk, in-natura mħallta ta' dan is-sajd iwassal għal implimentazzjoni xierqa ta' miżura ġenerali li tiffissa l-limiti li se tkun aktar faċli biex tiġi implimentata u mmonitorjata. Din tkun tapplika għas-subdiviżijonijiet f u g taż-Żona ICES VII, fejn l-isforz tas-sajd hu l-iktar użat. L-impatt mistenni fuq il-flotta huwa ta' importanza żgħira, peress li l-miżura għanda tistabbilizza s-sitwazzjoni attwali fil-postijiet tas-sajd. Għall-istokkijiet, se jkun ta' benefiċċju biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-isforz lejn din iż-żona minn reġjuni fil-viċinat fejn l-istokkijiet qed jonqsu b'mod aktar allarmanti, bħall-Baħar Irlandiż (is-subdiviżjoni VIIa).

Fir-rigward tal-ġestjoni tal-isforz għall-istokkijiet tal-baħar fond, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC) fl-2002 irrakkomandat li l-isforz jiġi ffriżat għal sentejn. Sussegwentement, l-isforz massimu permess kien imnaqqas f'passi mill-konvenzjoni annwali tan-NEAFC u t-traspożizzjoni permezz tal-Kunsill, u waslet għal 75% fl-2008 u 65% fl-2009 tal-isforz użat fis-sena ta' referenza, l-2003. Għas-snin mill-2010 sal-2012, in-NEAFC irrakkomandat li jinżamm il-limitu fuq l-isforz tas-sajd għal

massimu ta’ 65%. It-tkomplija tal-osservazzjoni ta' dan il-limitu tal-isforz hija meħtieġa, kemm biex ikunu sodisfatti l-obbligi internazzjonali tal-UE kif ukoll biex jitħarsu l-istokkijiet li, kif enfasizza l-ICES għal bosta snin, huma estremament fraġli u għandhom bżonn protezzjoni urġenti minħabba l-potenzjal ta’ riproduzzjoni tagħhom estremament baxx.

Is-sistemi ta’ ġestjoni ta’ matul is-sena għal stokkijiet b'ħajja qasira bħalma huma ċ-ċiċċirell, in-Norway pout u l-laċċa kaħla fil-Baħar tat-Tramuntana se jinżammu. F'dawn il-każijiet, l-opportunitajiet tas-sajd proposti għall-ewwel parti tal-2011 jistgħu jiġu rriveduti matul is-sena skont il-parir xjentifiku aġġornat, permezz ta' Regolamenti tal-Kummissjoni li se jippermettu implimentazzjoni mħaffa tal-miżuri ta' ġestjoni pjanati. Madankollu, il-metodoloġija għall-ġestjoni tal-istokk taċ-ċiċċirell qed tiġi rriveduta attwalment u din ir-reviżjoni tista’ tirriżulta f’sistema li trendi r-reviżjonijiet ta’ matul is-sena mingħajr ħtieġa. Jeħtieġ li dawn it-tibdiliet possibbli jiġu diskussi u maqbula man-Norveġja fil-ħarifa. Għalhekk, l-Anness IID jista’ jkun li jkollu jiġi emendat b’mod sostanzjali jew saħansitra eliminat fid-dawl tar-riżultat ta’ dawn id-diskussjonijiet.

Fl-aħħar nett, dan ir-Regolament jipprovdi, għall-ewwel darba fl-eżerċizzju regolatorju dwar l-opportunitajiet tas-sajd annwali, għall-adozzjoni ta' ċerti TACs mill-Istati Membri nfushom. Dan huwa propost għal 7 TACs fejn hemm biss Stat Membru wieħed elenkat bħala li għandu opportunitajiet tas-sajd. F’dan il-każ ma hemm ebda allokazzjoni reali, peress li t-TAC hija essenzjalment "fil-pussess" u amministrata minn Stat wieħed. F’dawn il-kundizzjonijiet, huwa xieraq li r-Regolament ikun issimplifikat billi jiġi propost li r-responsabbiltà f’dawn il-każijiet tittieħed minn Stat Membru li huwa parti interessata, għalkemm dan għandu jsir taħt l-obbligu li l-azzjoni tkun skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd.

.

2010/0324 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd][3] jirrikjedi li jiġu stabbiliti miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment sostenibbli ta' attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli u b'mod partikolari r-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont l-attività tas-sajd jew skont grupp tal-attivitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu distribwiti fost l-Istati Membri b'tali mod li f'kull Stat Membru tiġi żgurata stabbilta' relattiva ta' attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew sajd u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

(4) Meta TAC jkun allokat lil Stat Membru wieħed biss, huwa xieraq li l-Istat Membru kkonċernat jingħata s-setgħa li jiddetermina l-livell ta' dan it-TAC skont l-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li, meta jiġi ffissat il-livell tat-TAC, l-Istat Membru kkonċernat jaġixxi b'manjiera totalment konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u jiżġura li l-istokk inkwistjoni huwa sfruttat f'livelli li fil-fatt se jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, inkluż billi jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tingħabar dejta rilevanti, jiġi vvalutat l-istokk ikkonċernat u jiġu determinati l-livelli tal-ogħla rendiment possibbli tiegħu.

---

[2] ĠU C , , p. .
[3] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(5) It-TACs għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, billi jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinijonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari l-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati

(6) Għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet speċifiċi multiannwali, it-TACs għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Konsegwentement, it-TACs għall-istokkijiet tal-marlozz, il-ksampu u l-lingwata fil-Bajja ta' Biscay, il-Kanal tal-Punent u l-Baħar tat-Tramuntana, tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana, tal-aringi fil-Punent tal-Iskozja u tal-merluzz fil-Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak, fil-Kanal tal-Lvant, sal-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna [tal-istokk] ta' marlozz tat-Tramuntana[4], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża [tal-ksampu] fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent[5], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-isfruttament sostenibbli ta' istokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja [Biscay][6], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet [stokkijiet] tal-lingwata fil-Fliegu [tal-Kanal] tal-Punent[7], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet [l-istokkijiet] tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana[8], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk[9], ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran[10], rispettivament.

(7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti[11], huwa meħtieġ li jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.

(8) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata ta' sajd tista' tirriżulta f'riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn għandhom ikunu ristretti kompletament permezz ta' projbizzjoni ġenerali għas-sajd ta' dawk l-ispeċijiet.

(9) Il-ksampu jinqabad fis-sajd demersali mħallat flimkien ma' speċijiet oħra varji. F'żona fil-Punent tal-Irlanda magħrufa bħala l-Porcupine Bank hemm ħtieġa urġenti ta'

---

4 ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1.
5 ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5.
6 ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1.
7 ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7.
8 ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.
9 ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6.
10 ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.
11 ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

konservazzjoni biex kemm jista' jkun jitnaqqas il-qbid tal-ksampu. Għalhekk, huwa xieraq li l-opportunitajiet tas-sajd f'din iż-żona jkunu limitati biss għall-qbid tal-ispeċijiet pelaġiċi li magħhom ma jinqabadx il-ksampu.

(10) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz permessi għall-2011 skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 509/2007, l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u l-Artikoli 5 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009, filwaqt li jitqies ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008[12].

[(11) Huwa meħtieġ, skont il-pariri tal-ICES, li tinżamm u tiġi eżaminata mill-ġdid sistema għall-ġestjoni tal-isforzi tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV.]

(12) Fid-dawl tal-parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkjiet fil-Baħar Ċeltiku, u fid-dawl tan-natura mħallta tas-sajd f'din iż-żona, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri biex ikun limitat l-isforz tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li qed jitwettqu fis-subdiviżjonijiet f u g taż-żona statistika VII tal-ICES.

(13) Fid-dawl tal-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti mill-ICES u skont l-impenji internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), huwa meħtieġ li l-isforz tas-sajd ikun limitat għal ċerti tipi ta' speċijiet tal-baħar fond.

(14) Skont il-proċeduri previsti fil-ftehimiet jew protokolli dwar relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja[13], il-Gżejjer Faeroe[14] u l-Groenlandja[15], l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar drittijiet tas-sajd ma' dawk l-imsieħba.

(15) L-Unjoni hija parti kontraenti għal diversi organizzazzjonijiet tas-sajd u tipparteċipa f'organizzazzjonijiet oħrajn bħala parti kooperattiva mhux kontraenti. Barra minn hekk, permezz tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, ftehimiet tas-sajd li kienu konklużi qabel mir-Repubblika tal-Polonja, bħall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' riżorsi tal-Pollakkju fiċ-ċentru tal-Baħar Bering, huma, sa mid-data tal-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea, ġestiti mill-Unjoni. Dawk l-organizzazzjonijiet tas-sajd irrakkomandaw l-introduzzjoni ta' għadd ta' miżuri għall-2011, inklużi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu implimentati mill-Unjoni.

(16) Fil-Laqgħa Annwali tagħha tal-2010, il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC) naqqset milli tasal għall-kunsens dwar l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni għat-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit. Madankollu, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti, inkluża l-Unjoni Ewropea, ikkunsidraw li l-opportunitajiet tas-sajd għal dawn it-tliet stokkijiet għandhom ikunu regolati sabiex

---

12 ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.

13 Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunita' Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

14 Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunita' Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern (Home Government) tal-Gżejjer Faeroe min-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

15 Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunita' Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja min-naħa l-oħra (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4) u l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista f'dak il-Ftehim (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 9).

tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tagħhom. Għalhekk, huwa xieraq li l-Unjoni tadotta miżuri għal dan il-għan.

(17) Fil-Laqgħa Annwali tagħha tal-2010, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) irrevediet il-kapaċità ġenerali tal-flotot li stadu għat-tonnijiet tropikali bejn l-2006 u l-2008 u għall-pixxispad u l-alonga bejn l-2007 u l-2008. L-IOTC approvat ukoll l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għall-iżvilupp tal-flotot. Barra minn hekk, l-IOTC approvat Riżoluzzjoni dwar il-konservazzjoni tal-pixxivolpi (il-familja *Alopiidae)* li jinqabdu matul attivitajiet tas-sajd fiż-żona tal-kompetenza tagħha.

(18) Matul it-Tielet Laqgħa Internazzjonali, li saret f'Mejju 2007, għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (SPRFMO) fl-ibħra miftuħa tan-Nofsinhar tal-Paċifiku, il-parteċipanti adottaw miżuri interim, inklużi opportunitajiet tas-sajd, sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kif ukoll tas-sajd tal-qiegħ f'din iż-żona sakemm tiġi stabbilita tali RFMO. Dawn il-miżuri ġew riveduti waqt it-tmien (8) laqgħa tal-Konsultazzjonijiet Internazzjonali għall-Istabbiliment tal-SPRFMO f'Novembru tal-2009 u se jerġgħu jiġu riveduti fit-tieni (2) Konferenza Preparatorja li jmiss għall-Kummissjoni tal-SPRFMO f'Jannar tal-2011. Il-miżuri interim attwali għalhekk se jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu adottati l-miżuri l-ġodda. Skont il-ftehim milħuq mill-parteċipanti, dawk il-miżuri interim huma volontarji u mhumiex legalment vinkolanti skont il-liġi internazzjonali. Madankollu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet relatati tal-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut tan-Nazzjonijiet Uniti, huwa rakkomandat li dawk il-miżuri jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni.

(19) [Fil-Laqgħa Annwali tagħha tal-2010, l-Organizzazzjoni għas-Sajd fix-Xlokk tal-Atlantiku (SEAFO) adottat limiti tal-qbid għal erba' stokkijiet ta' ħut fiż-żona tal-Konvenzjoni SEAFO. Huwa meħtieġ li dawk il-limiti tal-qbid jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.]

(20) Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat, il-miżuri meħtieġa għall-iffissar tal-limiti tal-qbid għal ċerti stokkijiet b'ħajja qasira għandhom jiġu addottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[16] għal raġunijiet ta' urġenza;

(21) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew jirrestrinġu opportunitajiet tas-sajd għall-UE huma adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd rilevanti fl-aħħar tas-sena u jiġu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw miżuri bħal dawn japplikaw b'mod retroattiv.

(22) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stipulati f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[17], u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-reġistrar tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, huwa meħtieġ li jkunu speċifikati l-kodiċijiet li għandhom jintużaw mill-Istati Membri meta tintbagħat dejta lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

---

16 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

17 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(23) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu użati f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni li hija rilevanti għas-suġġett,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I

# AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin u l-kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta mal-użu ta' dawk l-opportunitajiet tas-sajd:

(a) għas-sena 2011, il-limiti ta' qbid għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, u

(b) għall-perjodu mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012, ċerti limiti tal-isforz,

(c) għall-perjodi stipulati fl-Artikoli 18 sa 20 u fl-Annessi IE u V, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi [tal-Baħar] Ħajjin tal-Antartiku (CCALMR)

[(d) għall-perjodi stipulati fl-Artikolu 26, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).]

*Artikolu 2*

**L-ambitu**

Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) bastimenti tal-UE u

(b) bastiment ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-UE.

*Artikolu 3*

**Id-definizzjonjiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'bastiment tal-UE' tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(b) 'bastimenti ta' pajjiżi terzi' tfisser bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi u huma rreġistrati fihom;

(c) 'Ilmijiet tal-UE' tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità u l-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri ħlief l-ilmijiet li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II għat-Trattat;

(d) 'qabdiet totali permessibbli' (TACs) tfisser il-kwantità li tista' tittieħed u tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(e) 'kwota' tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-UE, lill-Istati Membri jew lil pajjiż terz;

(f) ‘ilmijiet internazzjonali’ tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;

(g) ‘daqs tal-malja’ tfisser id-daqs tal-malja kif iddeterminat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta’ Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd[18];

(h) ‘reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE’ tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(i) ‘ġurnal ta' abbord dwar is-sajd’ tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

*Artikolu 4*

**Iż-żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) Iż-żoni ICES (Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew (KE) Nru 218/2009[19];

(b) ‘Skagerrak’ tfisser iż-żona kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt fuq il-kosta Svediża;

(c) ‘Kattegat’ tfisser iż-żona kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt fuq il-kosta Svediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre għal Gnibens Spids, minn Korshage għal Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved għal Kullen;

(d) ‘iż-żona VII (il-Lvant tal-Baħar Irlandiż – Unità 14)’ tfisser iż-żona kkonfinata minn

(*i*) linja rombu li tgħaqqad flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– l-intersezzjoni tal-meridjan 5°W u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja qrib Portpatrick;

– 54°30' N 5°W;

– 54°30' N 4°W;

– l-intersezzjoni tal-meridjan 4°W u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja qrib Llanfairfechan;

(*ii*) il-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja.

(e) ‘iż-żona VII (il-Punent tal-Baħar Irlandiż – Unità 15)’ tfisser iż-żona kkonfinata minn

(*i*) linja rombu li tgħaqqad flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

[18] ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5.

[19] Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

– l-intersezzjoni tal-parallel 55°N u l-kosta tal-gżira tal-Irlanda qrib Camlough;

– l-intersezzjoni tal-parallel 55°N u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja qrib Stranraer;

(*ii*) il-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja bejn l-intersezzjoni tal-parallel 55°N u l-kosta qrib Stranraer u l-intersezzjoni tal-meridjan 5°W u l-kosta qrib Portpatrick;

(*iii*) linja rombu li tgħaqqad flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– l-intersezzjoni tal-meridjan 5°W u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja qrib Portpatrick;

– 54°30' N 5°W;

– 54°30' N 4°W;

– l-intersezzjoni tal-meridjan 4°W u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja qrib Llanfairfechan;

(*iv*) il-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja bejn l-intersezzjoni tal-meridjan 4°W u l-kosta qrib Llanfairfechan u l-intersezzjoni tal-parallel 53°N u l-kosta tal-peniżola ta' Llyn;

(*v*) linja rombu li tgħaqqad flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– l-intersezzjoni tal-parallel 53°N u l-kosta tal-gżira tal-Gran Brittanja fil-peniżola ta' Llyn;

– l-intersezzjoni tal-parallel 53°N u l-kosta tal-gżira tal-Irlanda qrib Wicklow;

– il-kosta tal-Lvant tal-gżira tal-Irlanda bejn il-paralleli 53° 00'N u 55° 00'N.

(f) 'iż-żona VII (Porcupine Bank – Unità 16)' tfisser iż-żona kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu l-pożizzjonijiet li ġejjin flimkien b'mod sekwenzjali:

– 53° 30'N 15°00'W;

– 53° 30'N 11°00'W;

– 51°30'N 11°00'W;

– 51°30'N 13°00'W;

– 51°00'N 13°00'W;

– 51°00'N 15°00'W;

– 53° 30'N 15°00'W.

(g) 'iż-żona VII (l-Aran Grounda– Unità 17)' tfisser iż-żona kkonfinata minn:

(*i*) il-kosta tal-Punent tal-gżira tal-Irlanda;

(*ii*) il-parallel fi 53°30'N;

(*iii*) il-meridjan fi 11°00'W;

(*iv*) il-parallel fi 52°30' N;

(h) ‘iż-żona VII (in-Nofsinhar u l-Lbiċ tal-Irlanda– Unità 19)’ tfisser iż-żona kkonfinata minn

(*i*) linji rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– l-intersezzjoni tal-parallel fi 52°30'N u l-kosta tal-Punent tal-gżira tal-Irlanda

– 52°30'N 11°00'W;

– 51°00'N 11°00'W;

– 51°00' N 8°00'W;

– 51°30' N 8°00'W;

– 51°30' N 7°00'W;

– 52°00' N 7°00'W;

– 52°00' N 6°00'W;

– 52°30'N 6°00'W;

– l-intersezzjoni tal-parallel fi 52°30'N u

(*ii*) il-kosta tal-Lvant tal-gżira tal-Irlanda fin-Nofsinhar ta’ 52°30'N.

(i) ‘iż-żona VII (il-Baħar Ċeltiku – Unitajiet 20-22)’ tfisser iż-żona kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin flimkien b'mod sekwenzjali:

– 51°00' N 9°00'W;

– 51°00' N 8°00'W;

– 51°30' N 8°00'W;

– 51°30' N 7°00'W;

– 52°00' N 7°00'W;

– 52°00' N 6°00'W;

– 51°30' N 6°00'W;

– 51°30' N 5°00'W;

– 51°00' N 5°00'W;

– 51°00' N 6°00'W;

– 50°30' N 6°00'W;

– 50°30' N 7°00'W;

– 49°30' N 7°00' W;

– 49°30' N 9°00'W;

– 51°00' N 9°00'W.

(j) ‘iż-żona VII (il-Majjistral tal-Irlanda u żoni oħra - Unità 18)’ tfisser dik il-parti taż-Żona VII mhux inkluża fiż-żoni definiti f'(d) sa (i) hawn fuq.

(k) ‘Golf ta’ Cádiz’ tfisser iż-żona tal-ICES IXa fil-Lvant tal-longitudni $7^{o}$ 23' 48″ W;

(l) iż-żoni CECAF (Atlantiku tal-Lvant Ċentrali jew żona prinċipali ta' sajd FAO 34) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew [20];

(m) iż-żoni NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21];

(n) iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni għas-Sajd fix-Xlokk tal-Atlantiku) hija kif definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku[22];

(o) iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku) hija kif definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku[23];

(p) iż-Żona ta' Konvenzjoni tas-CCAMLR (Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku) hija kif definita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi [tal-baħar] ħajjin tal-Antartiku[24];

(q) iż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Konvenzjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali) hija kif definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika[25];

(r) iż-żona tal-IOTC (il-Kummissjoni tat-Tonn tal-Oċean Indjan) hija kif definita fil-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan[26];

(s) iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku) tfisser iż-żona ta' ibħra miftuħa fin-Nofsinhar fi $10^{o}$ N, fit-Tramuntana taż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA kif definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan[27], u fil-Punent taż-żoni tal-ġuriżdizzjonijiet tas-sajd tal-Istati tal-Amerika t'Isfel;

(t) iż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Konvenzjoni tas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali) hija kif definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fil-Punent tal-Oċean Paċifiku u l-Oċean Paċifiku Ċentrali[28].

---

20 Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

21 Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)(ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

22 Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39.)

23 L-Unjoni Ewropea aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

24 ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16.

25 Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

26 L-Unjoni Ewropea aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

27 Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

28 L-Unjoni Ewropea aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

(u) ‘l-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering’ tfisser iż-żona tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa’ tal-ibħra territorjali tal-Istati Kostali tal-Baħar Bering.

# TITOLU II

# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAL-UE

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 5*

**It-TACs u l-allokazzjonijiet**

1. It-TACs għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-UE jew f’ċerti ilmijiet li mhumiex tal-UE u l-allokazzjoni ta’ TACs bħal dawn fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta magħhom b’mod funzjonali, fejn hu xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tal-UE huma awtorizzati li jwettqu qabdiet, skont it-TACs stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 u l-Anness III ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008[29] u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tiffissa TACs għall-capelin fl-ilmijiet tal-Groenlandja fiż-żoni tal-ICES V u XIV disponibbli għall-Unjoni abbażi tat-TAC u l-allokazzjoni għall-Unjoni stabbiliti mill-Groenlandja skont il-ftehim ma’ dak il-pajjiż.

4. Fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika miġbura waqt l-ewwel nofs tal-2011, it-TACs stipulati fl-Anness I għall-istokkijiet li ġejjin jistgħu jiġu rriveduti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002:

   [a] iċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV skont ir-regoli stabbiliti fil-punt 6 tal-Anness IID;]

   b) l-istokk tan-Norway pout fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV u għall-istokk tal-laċċa l-kaħla fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa u IV.

   c) l-istokkijiet tal-merlangu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV u għall-istokkijiet tal-haddock fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, III u IV, u għandhom jitqiesu l-qabdiet inċidentali industrijali fis-sajd għan-Norway pout.

*Artikolu 6*

**L-ispeċijiet ipprojbiti**

[29] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta’ Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta’ bastimenti ta’ pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

1. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti tal-UE jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha tal-UE u li mhumiex tal-UE;

(b) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(c) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, III, IV, VI, VII, VIII, IX u X;

(d) l-undulate ray (*Raja undulata*) u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES VI, VII, VIII, IX u X;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet internazzjonali u

(d) il-guitarfishes (*Rhinobatidae)* fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII

2. L-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinħelsu mill-ewwel mingħajr ma ssirilhom ħsara sa fejn ikun prattiku.

*Artikolu 7*

**Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet**

1. L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri kif stabbiliti f'dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikoli 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

(c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(d) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 37, 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għal stokkijiet soġġetti għal TAC ta' prekawzjoni u l-Artikoli 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għal stokkijiet soġġetti għal TAC analitiku.

*Artikolu 8*

**Il-limiti tal-isforz tas-sajd**

Mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012, il-miżuri dwar l-isforz tas-sajd li huma stipulati fi:

(a) l-Anness IIA għandhom japplikaw għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet fil-Kattegat, fi Skagerrak u dik il-parti taż-żona tal-ICES IIIa mhux koperta minn Skagerrak u l-Kattegat, iż-żoni tal-ICES IV, VIa, VIIa, VIId u l-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa u Vb;

(b) l-Anness IIB għandu japplika għall-irkupru tal-marlozz u l-ksampu fiż-żoni tal-ICES VIIIc u IXa bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cádiz;

(c) l-Anness IIC għandu japplika għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fiż-żona tal-ICES VIIe;

[(d) l-Anness IID għandu japplika għall-ġestjoni tal-istokkijiet taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV;]

(e) l-Anness II għandu japplika għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet fiż-żoni tal-ICES VIIf u g.

*Artikolu 9*

**Il-limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-baħar fond**

1. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002[30] għandu japplika għall-ħalibatt tal-Groenlandja. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art tal-ħalibatt tal-Groenlandja għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-2011 il-livelli tal-isforz tas-sajd, imkejla bħala jiem kilowatt barra mill-port, minn bastimenti detenturi ta' permessi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ma jaqbżux il-65 % tal-medja tal-isforz tas-sajd annwali magħmul mill-bastimenti tal-Istati Membri fl-2003 fi vjaġġi meta kien hemm il-permessi tas-sajd tal-baħar fond u/jew inqabdu speċijiet tal-baħar fond, kif elenkat fl-Annessi I u II għal dak ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal vjaġġi tas-sajd li fihom inqabdu aktar minn 100 kg ta' speċijiet tal-baħar fond, minbarra l-arġentina.

*Artikolu 10*

**Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali**

Ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti TACs għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk:

(a) il-qabdiet saru minn bastimenti ta' Stat Membru li għandu kwota u dik il-kwota ma ġietx eżawrita; jew

(b) il-qabdiet jikkonsistu f'parti minn sehem ta' kwota tal-UE li ma kinitx ġiet allokata permezz ta' kwota bejn l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-UE ma ġietx eżawrita.

*Artikolu 11*

**Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd**

1. L-opportunitajiet tas-sajd iffissati fl-Anness I, għat-tusk, il-merluzz, il-megrim, il-petriċi, il-haddock, il-merlangu, il-marlozz, il-linarda, il-lipp, il-ksampu, il-barbun tat-tbajja', il-pollakju, il-pollakju (saithe), ir-rebekkini u r-raj, il-lingwata [u l-mazzola l-griża] fiż-żona tal-ICES VII jew fis-subżoni rilevanti tagħha, għandhom ikunu ristretti mill-projbizzjoni li wieħed jistad jew iżomm abbord speċijiet bħal

[30] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet [stokkijiet] tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002; p. 6).

dawn matul il-perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju 2011 fil-Porcupine Bank. L-annotazzjonijiet rilevanti fl-Anness I huma identifikati mill-kontroreferenza għal dan l-Artikolu.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

| Punt | Il-latitudni | Il-longitudni |
|---|---|---|
| 1 | 52° 27' N | 12° 19' W |
| 2 | 52° 40' N | 12° 30' W |
| 3 | 52° 47' N | 12° 39,600' W |
| 4 | 52° 47' N | 12° 56' W |
| 5 | 52° 13,5' N | 13° 53,830' W |
| 6 | 51° 22' N | 14° 24' W |
| 7 | 51° 22' N | 14° 03' W |
| 8 | 52° 10' N | 13° 25' W |
| 9 | 52° 32' N | 13° 07,500' W |
| 10 | 52° 43' N | 12° 55' W |
| 11 | 52° 43' N | 12° 43' W |
| 12 | 52° 38,800' N | 12° 37' W |
| 13 | 52° 27' N | 12° 23' W |
| 14 | 52° 27' N | 12° 19' W |

3. L-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika fiż-żona definita fil-paragrafu 2.

*Artikolu 12*

**It-trażmissjoni tad-dejta**

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu dejta lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet imniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

# KAPITOLU II

## AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD F'ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

*Artikolu 13*

**L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd**

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE f'ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru jittrasferixxi l-kwota tiegħu lil Stat Membru ieħor (tpartit) fiż-żoni ta' sajd stipulati fl-Anness III, abbażi tal-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u dan għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet għal kull żona ta' sajd, kif stipulat fl-Anness III, ma għandux jinqabeż.

# KAPITOLU III

## OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD F'ILMIJIET TA' ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD

## TAQSIMA 1

## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI GĦALL-KONSERVAZZJONI TAT-TONN ATLANTIKU (ICCAT),

*Artikolu 14*

**Il-limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, tal-koltivazzjoni u tat-tismin għat-tonn**

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-UE tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

2. L-għadd ta' dgħajjes tas-sajd kostali artiġjanali tal-UE awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' koltivazzjoni, awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tal-koltivazzjoni tat-tonn, il-kapaċità tat-tismin u l-input massimu ta' tonn selvaġġ allokat għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

*Artikolu 15*

**Il-kundizzjonijiet addizzjonali għall-kwota tat-tonn allokata fl-Anness ID**

B'żieda mal-perjodu ta' projbizzjoni pprovdut fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 302/2009, is-sajd bil-purse seine għat-tonn għandu jkun ipprojbit fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran matul il-perjodu mill-15 ta' April sal-15 ta' Mejju 2011.

*Artikolu 16*

**Is-sajd rikreattiv u sportiv**

L-Istati Membri għandhom jallokaw, mill-kwoti tagħhom allokati fl-Anness ID, kwota speċifika tat-tonn għas-sajd rikreattiv u sportiv.

*Artikolu 17*

**Il-klieb il-baħar**

1. Iż-żamma abbord, it-trażord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) f'kull tip ta' sajd għandu jkun ipprojbit.

2. Għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal speċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

## TAQSIMA 2

## ŻONA TAL-KONVENZJONI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAR-RIŻORSI ĦAJJIN FIL-BAĦAR ANTARTIKU (CCAMLR)

*Artikolu 18*

**Il-projbizzjonijiet u l-limiti tal-qbid**

1. Sajd dirett għall-ispeċijiet imsemmija fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perjodi stipulati f'dak l-Anness.

2. Għal sajd ġdid u esploratorju, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali stabbiliti fil-Parti B tal-Anness V għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija f'dik il-Parti.

*Artikolu 19*

**Is-sajd esploratorju**

1. Il-bastimenti tas-sajd li ġew innotifikati lis-CCAMLR skont l-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 jistgħu jipparteċipaw f'sajd esploratorju bil-konzijiet għad-*Dissostichus spp*. fis-subżoni tal-FAO 88.1 u 88.2 kif ukoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2 barra minn żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali.

2. Fir-rigward tas-subżoni tal-FAO 88.1 u 88.2 u wkoll tad-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali għal kull subżona u diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom f'Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull

waħda minnhom għandhom isiru kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikat u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kbira kemm jista' jkun sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat il-potenzjal tas-sajd u sabiex tiġi evitata l-konċentrazzjoni żejda fuq il-qbid u l-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-Subżoni tal-FAO 88.1 u 88.2 u fid-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2 għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 m.

*Artikolu 20*

**Is-sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2011/2012**

1. Dawk l-Istati Membri biss li huma Membri tal-Kummissjoni tas-CCAMLR jistgħu jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR matul l-istaġun tas-sajd 2011/2012. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, huwa għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2011:

   (a) bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill, bl-użu tal-format stipulat fil-Parti C tal-Anness V;

   (b) bl-għamla tal-konfigurazzjoni tax-xibka bl-użu tal-format stipulat fil-Parti D tal-Anness V.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jistadu għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandhom jinnotifikaw biss bastimenti awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom fiż-żmien tan-notifika.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw parteċipazzjoni f'sajd għall-krill minn bastiment barra dawk notifikati lis-CCAMLR skont il-paragrafi 1, 2 u 3, jekk bastiment awtorizzat ma jitħalliex jipparteċipa minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew ta' *force majeure*. F'ċirkostanzi bħal dawk l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, billi jipprovdi:

   (a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) maħsub(a) li se jissostitwixxi/u, inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

   (b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza rilevanti ta' appoġġ.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastimenti elenkati fi kwalunkwe waħda mil-listi ta' Bastimenti IUU tas-CCAMLR sabiex jipparteċipaw fis-sajd għall-krill.

## TAQSIMA 3

## IŻ-ŻONA TAL-KUMMISSJONI GĦAT-TONN TAL-OĊEAN INDJAN (IOTC)

*Artikolu 21*

**Il-limitu fil-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona tal-IOTC**

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunellaġġ gross (TG), għandhom ikunu stipulati fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u l-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-IOTC, u l-kapaċità korrispondenti f'tunellaġġ gross (TG), għandhom ikunu stipulati fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid bastimenti assenjati wieħed miż-żewġ tipi ta' sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lit-tip tas-sajd l-ieħor, bil-kundizzjoni li jistgħu juru lill-Kummissjoni li din l-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment ta' kapaċità propost għall-flotta tagħhom, il-bastimenti li jkunu se jiġu trasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' organizzazzjonijiet reġjonali oħra tas-sajd tat-tonn. Ma jistgħu jiġu ttrasferiti l-ebda bastimenti li jinsabu fuq lista ta' bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rapportati u mhux regolati (Bastimenti IUU) ta' xi organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Sabiex titqies l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp ippreżentati lill-IOTC, l-Istati Membri jistgħu jżidu l-limiti tal-kapaċità tas-sajd, kif imsemmi f'dan l-Artikolu, fil-limiti stipulati f'dawk il-pjanijiet ta' żvilupp.

*Artikolu 22*

**Il-klieb il-baħar**

1. Iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* f'kull tip ta' sajd għandu jkun ipprojbit.

2. L-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinħelsu mill-ewwel mingħajr ma ssirilhom ħsara sa fejn ikun prattiku.

## TAQSIMA 4

## IŻ-ŻONA TAL-ORGANIZZAZZJONI REĠJONALI GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAJD FIN-NOFSINHAR TAL-PAĊIFIKU (SPRFMO)

*Artikolu 23*

**Is-sajd pelaġiku – il-limitazzjoni tal-kapaċità**

L-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, 2008 jew l-2009 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross

(TG) ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2011 għal-livelli ta' total ta' 78610 TG f'dik iż-Żona b'mod li jiġi żgurat l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi pelaġiċi tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku.

*Artikolu 24*

**L-attivitajiet tas-sajd pelaġiku - TACs**

1. Dawk l-Istati Membri biss li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fis-snin 2007, 2008 jew 2009, kif imsemmi fl-Artikolu 23, jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-Żona skont it-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-Istati Membri għandhom fuq bażi ta' kull xahar, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-karatteristiċi, inkluż it-tunnellaġġ gross (TG), tal-bastimenti tagħhom impenjati fis-sajd imsemmi f'dan l-Artikolu.

3. Għall-fini tal-monitoraġġ tas-sajd imsemmi f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, biex jintbagħtu lis-Segretarjat Interim tal-SPRFMO, rekords tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, fejn disponibbli, id-daħliet fil-portijiet mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara.

*Artikolu 25*

**Is-sajd tal-qiegħ**

L-Istati Membri għandhom jillimitaw l-isforz tas-sajd tal-qiegħ jew il-qbid mill-qiegħ fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għal-livelli annwali medji matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 f'termini tal-għadd ta' bastimenti tas-sajd u parametri oħra li jirriflettu l-livell tal-qbid, l-isforz tas-sajd, u l-kapaċità tas-sajd u biss għal dawk il-partjiet taż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO fejn is-sajd tal-qiegħ kien seħħ fl-istaġun tas-sajd preċedenti.

## TAQSIMA 5

## IŻ-ŻONA TAL-KUMMISSJONI INTER-AMERIKANA TAT-TONN TROPIKALI (IATTC),

*Artikolu 26*

**Is-sajd bil-purse seine**

1. Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) għandu jkun ipprojbit:

   (a) jew mid-29 ta' Lulju sat-28 ta' Settembru 2011 jew mit-18 ta' Novembru 2011 sat-18 ta' Jannar 2012 fiż-żona definita bil-limiti li ġejjin:

   il-linji tal-kosta tal-Paċifiku tal-Ameriki,

   il-lonġitudni 150° W,

   il-latitudni 40° N,

   il-latitudni 40° S;

(b) mid-29 ta' Settembru sad-29 ta' Ottubru 2011 fiż-żona definita bil-limiti li ġejjin:

il-lonġitudni 96° W,

il-lonġitudni 110° W,

il-latitudni 4° N,

il-latitudni 3° S.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perjodu ta' għeluq magħżul kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) qabel l-1 ta' April 2011. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine kollha tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bil-purse seine tul il-perjodu magħżul.

3. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għat-tonn fiż-Żona Regolatorja tal-IATTC għandhom iżommu abbord u mbagħad iħottu l-art it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira, u l-palamit maqbud kollu, ħlief għal ħut meqjus mhux tajjeb għall-konsum tal-bniedem għal raġunijiet għajr dawk ta' daqs. Eċċezzjoni unika għandha tkun l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed fejn jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

## TAQSIMA 6

## L-ORGANIZZAZZJONI TAS-SAJD TAL-ATLANTIKU TAX-XLOKK (SEAFO)

*Artikolu 27*

**Il-miżuri għall-protezzjoni tal-klieb il-baħar tal-fond**

Is-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO immirat lejn il-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin għandu jkun ipprojbit:

– rebekkini (*Rajidae),*

– mazzola griża (*Squalus acanthias*),

– blurred smooth lanternshark (*Etmopterus bigelowi*),

– shorttail lanternshark (*Etmopterus brachyurus*),

– great lanternshark (*Etmopterus princeps*),

– smooth lanternshark (*Etmopterus pusillus*),

– ghost catshark (*Apristurus manis*),

– velvet dogfish (Scymnodon squamulosus)

– u klieb il-baħar tas-superordni *Selachimorpha.*

## TAQSIMA 7

## IŻ-ŻONA TAL-KUMMISSJONI GĦAS-SAJD FIL-PUNENT TAL-PAĊIFIKU U L-PAĊIFIKU ĊENTRALI (WCPFC)

*Artikolu 28*

**Il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra, il-palamit u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-isforz totali tas-sajd għat-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*), il-palamit (*Katsuwonus pelamis*) u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC ikun limitat għall-isforz tas-sajd previst fil-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd bejn l-Unjoni u l-Istati kostali fir-reġjun.

*Artikolu 29*

**Iż-żona magħluqa għal sajd FAD**

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20°N u 20°S, attivitajiet ta' sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse seine li jużaw apparat ta' aggregazzjoni tal-ħut (FADs) għandhom ikunu pprojbiti bejn 00:00 tal-1 ta' Lulju 2011 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2011. Matul dan il-perjodu, bastiment tas-sajd bil-purse seine jista' jkun involut f'operazzjonijiet tas-sajd f'dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC, biss jekk ikollu abbord osservatur sabiex jissorvelja li l-bastiment f'ebda ħin ma:
   (a) juża jew jagħti servizz lil FAD jew apparat elettroniku assoċjat;
   (b) jistad fuq ġlejjeb ta' ħut b'assoċjazzjoni mal-FADs.
2. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine kollha li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord u fuq l-art jew jittrażbordaw it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit maqbud kollu.
3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:
   (a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju biżżejjed sabiex joqgħod il-ħut kollu;
   (b) meta l-ħut ma jkunx tajjeb għal konsum mill-bniedem għal kwalunkwe raġuni għajr dawk ta' daqs; jew
   (c) meta sseħħ ħsara serja fl-apparat tal-friża.

*Artikolu 30*

**Iż-żoni magħluqa għas-sajd bil-purse seine**

Is-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse seine għat-tonn għajnu kbira u għat-tonna safra huwa projbit fiż-żoni tal-ibħra miftuħa li ġejjin:

a) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Indoneżja, il-Palaw, il-Mikroneżja u l-Papwa Ginea Ġdida;

b) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Mikroneżja, il-Gżejjer Marshall, Nauru, Kiribati, Tuvalu, Fiġi, il-Gżejjer Solomon u l-Papwa Ginea Ġdida;

*Artikolu 31*

**Il-limiti fil-għadd ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad**

L-għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladiu*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif indikat fl-Anness VII.

## TAQSIMA 8

## BAĦAR BERING

*Artikolu 32*

**Il-projbizzjoni tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering**

Is-sajd għall-pollakkju (*Theragra chalcogramma*) fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering għandu jkun ipprojbit.

# TITOLU III

# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UE

*Artikolu 33*

**It-TACs**

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jagħmlu qabdiet fl-ilmijiet tal-UE, skont it-TACs stipulati fl-Anness I u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 u f'dan it-Titolu.

*Artikolu 34*

**L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd**

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-UE huwa stipulat fl-Anness VIII.

2. Ħut minn stokkijiet li għalihom hemm TACs stabbiliti ma għandux jinżamm abbord jew jinħatt l-art ħlief jekk il-qabdiet ikunu ttieħdu minn bastimenti ta' pajjiż terz li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

*Artikolu 35*

**L-ispeċijiet ipprojbiti**

1. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti ta' pajjiżi terzi jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(b) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(c) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, III, IV, VI, VII, VIII, IX u X; kif ukoll

(d) l-undulate ray (*Raja undulata*) u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES VI, VII, VIII, IX u X.

2. L-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinħelsu mill-ewwel mingħajr ma ssirilhom ħsara sa fejn ikun prattiku.

# TITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 36*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Fejn l-opportunitajiet tas-sajd għaż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perjodi li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2011, l-Artikoli 18 sa 20 u l-Annessi IE u V għandhom japplikaw b'effett mill-bidu tal-perjodi rispettivi ta' applikazzjoni ta' dawk l-opportunitajiet tas-sajd.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

| TAC | Mhux rilevanti | | |

## ANNESS IE

## L-ANTARTIKU
## Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-CCAMLR

Dawn it-TACs, adottati mis-CCAMLR, mhumiex allokati lill-membri tas-CCAMLR u għalhekk is-sehem tal-UE mhux determinat. Il-qabdiet huma ssorveljati mis-Segretarjat tas-CCAMLR, li jikkomunika meta għandu jieqaf is-sajd minħabba li tiġi eżawrita t-TAC.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Ħuta tal-silġ tal-Antartiku<br>*Champsocephalus gunnari* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.3<br>(ANI/F483.) |
| TAC | *pm* | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Ħuta tal-silġ tal-Antartiku<br>*Champsocephalus gunnari* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2[1]<br>(ANI/F5852.) |
| TAC | *pm* [2] | | |

(1) Għall-fini ta' din it-TAC, iż-żona miftuħa għall-attività tas-sajd hija ddefinita bħala dik il-parti tad-Diviżjoni statistika FAO 58.5.2 li tinsab fiż-żona magħluqa b'linja:

(a) li tibda fit-tarf fejn il-meridjan ta' lonġitudni 72° 15' E fejn jaqsam il-Fruntiera tal-Ftehim ta' Delimitazzjoni Marittima bejn l-Awstralja u Franza, imbagħad lejn in-Nofsinhar fuq il-linja tal-meridjan sa fejn taqta' mal-linja parallela ta' latitudni 53° 25' S;

(b) imbagħad Lvant minn dik il-linja parallela sa fejn taqta' mal-linja tal-meridjan ta' lonġitudni 74° E;

(c) imbagħad Grigal tul il-linja ġeodeżika sa fejn taqta' l-linja parallela tal-latitudni 52° 40' S u l-meridjan tal-lonġitudni 76° E;

(d) imbagħad Tramuntana lejn il-meridjan sa fejn jaqta' mal-linja parallela ta' lonġitudni 52° S;

(e) imbagħad lejn il-Majjistral tul il-linja ġeodeżika sa fejn jaqta' l-linja parallela tal-latitudni 51° S mal-meridjan tal-lonġitudni 74° 30' E; kif ukoll

(f) imbagħad lejn il-Lbiċ tul il-linja ġeodeżika sal-punt tat-tluq.

(2) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Antartic toothfish<br>*Dissostichus eleginoides* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.3<br>(TOP/F483.) |
| TAC | *pm* [1] | | |

**Kundizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar kwantitajiet minn dawk imniżżla hawn taħt mis-Subżoni speċifikati:

| | |
|---|---|
| Iż-żona ta' Ġestjoni A: 48º W sa 43º 30' W – 52º 30' S sa 56º S<br>(TOP/*F483A) | *pm* |
| Iż-żona ta' Ġestjoni B: 43º 30' W sa 40º W – 52º 30' S sa 56º S<br>(TOP/*F483B) | *pm* |

Iż-żona ta' Ġestjoni C: 40º W sa 33º 30' W – 52º 30' S sa 56º S *pm*
(TOP/*F483C)

(1) Din it-TAC hija applikabbli għal sajd bil-konzijiet għall-perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu 2011 u għas-sajd bin-nases għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Antartic toothfish<br>*Dissostichus eleginoides* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.4<br>(TOP/F484.) |
| TAC | *pm* | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Antartic toothfish<br>*Dissostichus eleginoides* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2<br>(TOP/F5852.) |
| TAC | *pm* (1) | | |

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-Punent ta' 79° 20' E biss. Is-sajd fil-Lvant ta' dan il-meridjan fil-limiti ta' din iż-żona huwa pprojbit.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Krill<br>*Euphausia superba* | Żona: | Iż-żona FAO 48<br>(KRI/F48.) |
| TAC | *pm* (1) | | |

**Kundizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

Id-diviżjoni 48.1 (KRI/F48.1.) *pm*

Id-diviżjoni 48.2 (KRI/F48.2.) *pm*

Id-diviżjoni 48.3 (KRI/F48.3.) *pm*

Id-diviżjoni 48.4 (KRI/F48.4.) *pm*

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Krill<br>*Euphausia superba* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.4.1<br>(KRI/F5841.) |
| TAC | *pm* (1) | | |

**Kundizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

| | |
|---|---|
| Id-Diviżjoni 58.4.1 fil-Punent ta' 115° E (KRI/*F-41W) | *pm* |
| Id-Diviżjoni 58.4.1 fil-Lvant ta' 115° E (KRI/*F-41E) | *pm* |

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Krill<br>*Euphausia superba* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.4.2<br>(KRI/F5842.) |
| TAC | *pm* (1) | | |

**Kundizzjonijiet speċjali:**

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

| | |
|---|---|
| Id-Diviżjoni 58.4.2 fil-Punent ta' 55° E (KRI/*F-42W) | *pm* |
| Id-Diviżjoni 58.4.2 fil-Lvant ta' 55° E (KRI/*F-42E) | *pm* |

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Grey rockcod<br>*Lepidonotothen squamifrons* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2<br>(NOS/F5852.) |
| TAC | *pm* | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Granċi<br>*Paralomis* spp. | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.3<br>(PAI/F483.) |
| TAC | *pm* (1) | | |

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Grenadiers<br>*Macrourus* spp. | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2<br>(GRV/F5852.) |
| TAC | *pm* | | |

| Speċi: | Speċijiet oħra | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2 (OTH/F5852.) |
|---|---|---|---|
| TAC | *pm* | | |

| Speċi: | Rebekkini u Raj *Rajidae* | Żona: | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2 (SRX/F5852.) |
|---|---|---|---|
| TAC | *pm* | | |

(1) Din it-TAC hija applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2010 sat-30 ta' Novembru 2011.

## ANNESS IF

## IX-XLOKK TAL-OĊEAN ATLANTIKU
## Iż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO

Dawn it-TACs ma humiex allokati lill-membri tas-SEAFO u għalhekk is-sehem tal-UE mhux determinat. Il-qabdiet huma ssorveljati mis-Segretarjat tas-SEAFO, li jikkomunika meta għandu jitwaqqaf is-sajd minħabba li tiġi eżawrita t-TAC.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Alfonsinos<br>*Beryx* spp. | Żona: | Iż-żona SEAFO<br>(ALF/SEAFO) |
| TAC | 200 | TAC Analitiku | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Granċ aħmar tal-fond<br>*Chaceon maritae* | Żona: | Is-Subdiviżjoni B1 tas-SEAFO (1)<br>(CGE/F47NAM) |
| TAC | 200 | TAC Analitiku | |

(1) Għall-finijiet ta' din it-TAC, iż-żona miftuħa għas-sajd hija definita bħala dik li għandha:

– il-limitu tal-Punent tagħha fuq il-lonġitudni 0° E

– il-limitu tat-Tramuntana tagħha fuq il-latitudni 20° S,

– il-limitu tan-Nofsinhar tagħha fuq il-latitudni 28° S, u

– il-limiti ta' barra nett tal-limitu tal-Lvant taż-ŻEE tan-Namibja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Granċ aħmar tal-fond<br>*Chaceon maritae* | Żona: | Iż-żona SEAFO, minbarra s-Subdiviżjoni B1<br>(CGE/F47X) |
| TAC | 200 | TAC Analitiku | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Patagonian toothfish<br>*Dissostichus eleginoides* | Żona: | Iż-żona SEAFO<br>(TOP/SEAFO) |
| TAC | 230 | TAC Analitiku | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Orange roughy<br>*Hoplostethus atlanticus* | Żona: | Is-Subdiviżjoni B1 tas-SEAFO (1)<br>(ORY/F47NAM) |

| | | |
|---|---|---|
| TAC | 0 | TAC Analitiku |

(1) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, iż-żona miftuħa għas-sajd hija definita bħala dik li għandha:

– il-limitu tal-Punent tagħha fuq il-lonġitudni 0° E

– il-limitu tat-Tramuntana tagħha fuq il-latitudni 20° S,

– il-limitu tan-Nofsinhar tagħha fuq il-latitudni 28° S, u

– il-limiti ta' barra nett tal-limitu tal-Lvant taż-ŻEE tan-Namibja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Speċi: | Orange roughy<br>*Hoplostethus atlanticus* | Żona: | Iż-żona SEAFO, minbarra s-Subdiviżjoni B1 (ORY/F47X) |
| TAC | 50 | TAC Analitiku | |

## ANNESS IG

## TONN TAN-NOFSINHAR – Iż-żoni kollha

| Speċi: | Tonn tan-Nofsinhar<br>*Thunnus maccoyii* | Żona: Iż-żoni kollha<br>(SBF/F41-81) |
|---|---|---|
| L-UE | 10 [(1)] | TAC Analitiku |
| TAC | pm | |

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din il-kwota.

## ANNESS IH

### Iż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

| Speċi: | Pixxispad<br>*Xiphias gladius* | Żona: | Iż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S<br>(F7120S) |
|---|---|---|---|
| L-UE | *pm* | TAC Analitiku | |
| TAC | *pm* | | |

## ANNESS IJ

### Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO

| Speċi: | Sawrell (jack mackerel)<br>*Trachurus murphyi* | Żona: | Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM) |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | *pm* | | |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | *pm* | | |
| Il-Litwanja | *pm* | | |
| Il-Polonja | *pm* | | |
| L-UE | *pm* | | |

## ANNESS IIA

# L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TA' ĊERTI STOKKIJIET FIŻ-ŻONI TAL-ICES IIIA, IV, VIA, VIIA, VIID, U FL-ILMIJIET TAL-UE TAŻ-ŻONI TAL-ICES IIA U VB

### 1. L-AMBITU

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-UE li jġorru abbord jew jużaw kwalunkwe rkaptu msemmi fil-punt 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u li huwa preżenti fi kawlunkwe żona ġeografika msemmija fil-punt 2 ta' dak l-Anness.

1.2. Dan l-Anness ma għandux japplika għal bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri. Dawn il-bastimenti ma għandhomx għalfejn ikollhom permess speċjali tas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jivvalutaw l-isforz tas-sajd ta' dawk il-bastimenti skont il-gruppi tal-isforz li għalihom jappartjenu, bl-użu ta' metodi adatti ta' kampjunar. Matul l-2011, il-Kummissjoni għandha tfittex parir xjentifiku għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-iżvilupp tal-użu tal-isforz ta' dawk il-bastimenti, fid-dawl tal-inklużjoni futura tagħhom fir-reġim tal-isforz.

### 2. IRKAPTI REGOLATI U ŻONI ĠEOGRAFIĊI

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw l-irkapti regolati msemmija fil-punt 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u ż-żona ġeografika msemmija fil-punt 2 ta' dak l-Anness.

### 3. L-ISFORZ MASSIMU TAS-SAJD PERMESS

3.1. L-isforz massimu tas-sajd permess imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 676/2007 għall-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012, għal kull wieħed mill-gruppi tal-isforz ta' kull Stat Membru huwa stipulat fl-Appendiċi 1.

3.2. Il-livelli massimi tal-isforz annwali tas-sajd stipulati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1954/2003 ma għandhomx jaffettwaw l-isforz tas-sajd massimu permess stipulat f'dan l-Anness.

### 4. L-OBBLIGI TAL-ISTATI MEMBRI

4.1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-isforz massimu permess b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, l-Artikoli 4 u 13 sa 17 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

4.2. L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem, għall-finijiet tal-ġestjoni tal-merluzz, bħal kull waħda miż-żoni ġeografiċi msemmija fil-punt 2 u, għall-finijiet tal-ġestjoni tal-lingwata u tal-barbun tat-tbajja', bħala żona tal-ICES IV.

## 5. L-ALLOKAZZJONI TAL-ISFORZ GĦAS-SAJD

5.1. Jekk Stat Membru jqis li hu adattat li tiġi rinfurzata l-implimentazzjoni sostenibbli ta' dan ir-reġim tal-isforz, huwa ma għandux jippermetti sajd b'irkaptu regolat fl-ebda żona ġeografika li għaliha japplika dan l-Anness minn kwalunkwe wieħed mill-bastimenti tiegħu li ma għandux rekord ta' tali attività tas-sajd, sakemm huwa ma jiżgurax li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma għandhiex permess tistad fiż-żona regolata.

5.2. Stat Membru jista' jistabbilixxi perjodi ta' ġestjoni, biex jalloka l-isforz massimu permess, kollu kemm hu, inkella xi partijiet minnu, lil bastimenti individwali jew gruppi ta' bastimenti. F'tali każ, l-għadd ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perjodu ta' ġestjoni, għandu jkun stabbilit kif jidhirlu li hu adattat l-Istat Membru kkonċernat. Matul kwalunkwe perjodu ta' ġestjoni bħal dan, l-Istat Membru jista' jirrialloka l-isforz bejn bastimenti individwali jew gruppi ta' bastimenti.

5.3. Jekk Stat Membru jawtorizza bastimenti biex ikunu preżenti f'żona, għal perjodi ta' sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 4. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita konsum eċċessiv tal-isforz ġewwa ż-żona minħabba bastimenti li jkunu temmew il-preżenzi tagħhom fiż-żona qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 24 siegħa.

## 6. IL-KOMUNIKAZZJONI TA' DEJTA RILEVANTI

6.1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fuq talba mingħandha, id-dejta dwar l-isforz tas-sajd eżerċitat mill-bastimenti tas-sajd tagħhom fix-xahar preċedenti u x-xhur ta' qabel, bl-użu tal-format tar-rappurtar stipulat fl-Appendiċi 2.

6.2. Id-dejta għandha tintbagħat lill-indirizz elettroniku adattat, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Meta trasferiment tad-dejta lis-Sistema tal-Iskambju tad-Dejta dwar is-Sajd (jew kwalunkwe sistema futura tad-dejta deċiża mill-Kummissjoni) jsir operattiv, l-Istat Membru għandu jibgħat id-dejta lis-Sistema qabel il-ħmistax ta' kull xahar, b'referenza għall-isforz eżerċitat sa tmiem ix-xahar ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri bid-data li fiha s-sistema tkun se tintuża għat-trażmissjoni għall-inqas fi żmien xahrejn qabel l-ewwel data prevista. L-ewwel dikjarazzjoni tal-isforz tas-sajd li tintbagħat lis-sistema għandha tinkludi l-isforz eżerċitat mill-1 ta' Frar 2011. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni fuq talba tagħha d-dejta dwar l-isforz tas-sajd eżerċitat mill-bastimenti tas-sajd tagħhom matul ix-xahar ta' Jannar 2011.

## Appendiċi 1 għall-ANNESS IIA

## L-ISFORZ MASSIMU TAS-SAJD PERMESS F'JIEM KILOWATT

| Żona ġeografika: | Irkaptu regolat | DK | DE | SE |
|---|---|---|---|---|
| (a) Kattegat | TR1 | | | |
| | TR2 | | | |
| | TR3 | | | |
| | BT1 | | | |
| | BT2 | | | |
| | GN | | | |
| | GT | | | |
| | LL | | | |

| Żona ġeografika | Irkaptu regolat | BE | DK | DE | ES | FR | IE | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (b) Skagerrak, dik il-parti taż-żona ICES IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat; iż-żona tal-ICES IV u l-ilmijiet tal-UE taż-żona tal-ICES IIa; iż-żona tal-ICES VIId | TR1 | | | | | | | |
| | TR2 | | | | | | | |
| | TR3 | | | | | | | |
| | BT1 | | | | | | | |
| | BT2 | | | | | | | |
| | GN | | | | | | | |
| | GT | | | | | | | |
| | LL | | | | | | | |

| Żona ġeografika | Irkaptu regolat | BE | FR | IE | UK |
|---|---|---|---|---|---|
| (c) Iż-żona tal-ICES VIIa | TR1 | | | | |
| | TR2 | | | | |
| | TR3 | | | | |
| | BT1 | | | | |
| | BT2 | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | GN | | | | |
| | GT | | | | |
| | LL | | | | |

| Żona ġeografika | Irkaptu regolat | DE | ES | FR | IE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|
| (d) Iż-żona tal-ICES VIa u l-ilmijiet tal-UE fiż-żona tal-ICES Vb | TR1 | | | | | |
| | TR2 | | | | | |
| | TR3 | | | | | |
| | BT1 | | | | | |
| | BT2 | | | | | |
| | GN | | | | | |
| | GT | | | | | |
| | LL | | | | | |

## Appendiċi 2 għall-ANNESS IIA

| Tabella II | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Format tar-rappurtar | | | | | |
| Pajjiż | Irkaptu | Żona | Sena | Xahar | Dikjarazzjoni kumulattiva |
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) |

| Tabella III | | | |
|---|---|---|---|
| Format tad-dejta | | | |
| Isem il-qasam | Għadd massimu ta' karattri/ċifri | Allinjament[31] L(xellug)/R(lemin) | Definizzjoni u kummenti |
| (1) Pajjiż | 3 | — | Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih huwa reġistrat il-bastiment |
| (2) Irkaptu | 3 | — | wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin<br>TR1<br>TR2<br>TR3<br>BT1<br>BT2<br>GN1<br>GT1<br>LL1 |
| (3) Żona | 8 | L | waħda miż-żoni li ġejjin<br>03AS<br>02A0407D<br>07A<br>06A |
| (4) Sena | 4 | — | is-sena tax-xahar li għalih issir id-dikjarazzjoni |

[31] L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-dejta bil-format ta' tul fiss.

| | | | |
|---|---|---|---|
| (5) Xahar | 2 | — | ix-xahar li għalih issir id-dikjarazzjoni tal-isforz tas-sajd (espressa b'żewġ figuri bejn il-01 u t-12). |
| (6) Dikjarazzjoni kumulattiva | 13 | R | l-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd espress f'jiem kilowatt mill-1 ta' Jannar tas-sena (4) sa tmiem ix-xahar (5) |

## ANNESS IIB

# L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-IRKUPRU TA' ĊERTI STOKKIJIET TA' MARLOZZ TAN-NOFSINHAR U TA' KSAMPU FID-DIVIŻJONIJIET TAL-ICES VIIIc U IXa, ĦLIEF IL-GOLF TA' CADIZ

### 7. L-AMBITU

Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-UE b'tul totali ta' 10 metri jew aktar, li għandhom abbord jew jużaw xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili, bid-daqs tal-malja ta' 32 mm jew akbar u għeżula bid-daqs tal-malja ta' 60 mm jew akbar jew konzijiet tal-qiegħ, u li huma preżenti fid-diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa eskluż il-Golf ta' Cadiz.

### 2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) 'raggruppament tal-irkaptu' tfisser gruppi ta' xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili bid-daqs tal-malja tax-xibka ta' 32 mm jew akbar u għeżula bid-daqs tal-malja ta' 60 mm jew akbar u konzijiet tal-qiegħ;

(b) 'irkaptu regolat' tfisser waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li tagħmel parti mir-raggruppament tal-irkaptu;

(c) 'żona' tfisser diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa eskluż il-Golf ta' Cadiz;

(d) 'il-perjodu ta' ġestjoni 2011' tfisser il-perjodu mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012;

(e) 'kundizzjonijiet speċjali' tfisser il-kundizzjonijiet speċjali stipulati fil-punt 5.2;

### 3. IL-BASTIMENTI KKONĊERNATI MIL-LIMITAZZJONIJIET TAL-ISFORZ TAS-SAJD

3.1. Stat Membru ma għandux jawtorizza sajd b'irkaptu regolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment tiegħu li ma għandux rekord ta' tali attività ta' sajd għas-snin 2002 sal-2010 fiż-żona, eskluż ir-rekord tal-attivitajiet tas-sajd b'riżultat tat-trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm ma jiżgurax li l-kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex tistad fiż-żona.

3.2. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona ma għandux jitħalla jistad fiż-żona b'irkaptu regolat, sakemm il-bastiment jingħata kwota wara trasferiment kif permess skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u jiġi allokat jiem fuq il-baħar skont il-punt 10 jew 11 ta' dan l-Anness.

### 4. L-OBBLIGI ĠENERALI U LIMITU FL-ATTIVITÀ

4.1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu l-isforz massimu permess skont il-kundizzjonjiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005 u l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

4.2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu regolat, il-

bastimenti tal-UE li jtajru l-bandiera tiegħu għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux aktar mill-għadd ta' jiem speċifikat fil-punt 5.

4.3. L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ż-żona definita fil-punt 2.

## GĦADD TA' JIEM TA' PREŻENZA FIŻ-ŻONA ALLOKATA LILL-BASTIMENTI TAL-UE

### 5. L-GĦADD MASSIMU TA' JIEM

5.1. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, filwaqt li jkun ġarr abbord kwalunkwe wieħed mill-irkapti tas-sajd qed jintwera fit-Tabella I.

5.2. Bil-għan li jiġi stabbilit l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom bastiment tas-sajd tal-UE jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, il-kundizzjonijiet speċjali li ġejjin għandhom japplikaw skont it-Tabella I:

(a) il-ħatt l-art totali ta' marlozz fis-sena 2008 jew 2009 imwettaq mill-bastiment għandu jirrappreżenta inqas minn 5 tunnellati skont il-ħatt l-art f'piż ħaj ikkonsenjat fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, u

(b) il-ħatt l-art totali ta' ksampu fis-sena 2008 jew 2009 imwettaq mill-bastiment għandu jirrappreżenta inqas minn 2,5 tunnellati skont il-ħatt l-art f'piż ħaj ikkonsenjat fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd.

5.3. Il-kundizzjoni speċjali msemmija fil-punt 5.2 tista' tiġi ttrasferita minn bastiment għall-ieħor jew aktar bastimenti oħrajn li jissostitwixxu dak il-bastiment fil-flotta, sakemm dak il-bastiment li qed jissostitwixxi juża l-istess irkaptu u ma għandux fi kwalunkwe sena tal-operazzjoni tiegħu rekord ta' ħatt l-art ta' marlozz u ksampu ogħla mill-piżijiet speċifikati fil-punt 5.2.

5.4. Stat Membru jista' jiġġestixxi l-allokazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd tiegħu skont is-sistema tal-jiem kilowatt. B'dik is-sistema jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat għal kwalunkwe rkaptu regolat u kundizzjoni speċjali kif imniżżel fit-Tabella I biex ikunu preżenti għal għadd massimu ta' jiem li huwa differenti minn dak imniżżel f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rispettat l-ammont globali ta' jiem kilowatt li jikkorrispondi għall-irkaptu regolat u l-kundizzjoni speċjali msemmijin fil-punt 5.2.

Dan l-ammont globali ta' jiem kilowatt għandu jkun is-somma tal-isforzi tas-sajd individwali kollha allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u kkwalifikati għall-irkaptu regolat u, fejn applikabbli, il-kundizzjoni speċjali. Sforzi tas-sajd individwali bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt permezz tal-multiplikazzjoni tal-qawwa tal-magni ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kieku jibbenefika minnhom, skont it-Tabella I, li kieku dan il-punt ma jiġix applikat. Sakemm l-għadd tal-jiem ikun bla limitu skont it-Tabella I, l-għadd rilevanti ta' jiem li l-bastiment jibbenefika minnu huwa ta' 360.

5.5. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-punt 5.4 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fiha d-dettalji tal-kalkoli għall-grupp ta' rkaptu u l-kundizzjoni speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, abbażi ta':

– lista ta' bastimenti awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-Numru fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom,

– riżultati mgħoddija tal-2008 u 2009 għal bastimenti bħal dawn li jirriflettu l-kompożizzjoni tal-qbid iddefinita fil-kundizzjoni speċjali 5.2(a) jew (b), jekk dawn il-bastimenti jkunu kkwalifikati għal kundizzjoni speċjali bħal din,

– l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skont it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 5.4.

Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru biex jibbenefika mill-punt 5.4.

## 6. IL-PERJODI TA' ĠESTJONI

6.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona mogħtija fit-Tabella I f'perjodi ta' ġestjoni b' tul ta' xahar kalendarju jew aktar.

6.2. L-għadd ta' jiem li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perjodu ta' ġestjoni, għandu jkun stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ li Stat Membru jawtorizza bastimenti biex ikunu preżenti fiż-żona f'perjodi ta' sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 4.1. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita konsum eċċessiv tal-jiem ġewwa ż-żona minħabba bastimenti li jkunu temmew il-preżenzi tagħhom fiż-żona qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 24 siegħa.

## 8. L-ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI GĦALL-WAQFIEN PERMANENTI MILL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

7.1. Jista' jkun allokat għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew mill-1 ta' Frar 2010 u l-31 ta' Jannar 2011 jew skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 jew skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, inkella li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn motivati kif jixraq mill-Istati Membri. Jista' wkoll jiġi kkunsidrat kwalunkwe bastiment li jista' juri li ġie rtirat b'mod definittiv miż-żona.

L-isforz magħmul fl-2003, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkapti inkwistjoni għandu jiġi maqsum bejn l-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dawk l-irkapti matul l-2003. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-proporzjon miksub b'dan il-mod mill-għadd ta' jiem li setgħu kienu allokati skont it-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ.

Dan il-punt ma għandux japplika fejn bastiment ikun ġie ssostitwit skont il-punt 3 jew 5.3, jew meta l-irtirar diġà jkun intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

7.2. Stati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1 għandhom iressqu talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun

fiha, għall-kategorija tal-irkaptu u l-kundizzjoni speċjali kif stabbilit fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

– listi ta' bastimenti rtirati, b'indikazzjoni tan-numru fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom,

– l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003 ikkalkulati bħala jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppamenti tal-irkaptu tas-sajd, u jekk meħtieġ skont il-kundizzjoni speċjali.

7.3. Abbażi ta' talba bħal din il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definit fil-punt 5.1 għal dak l-Istat Membru skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

7.4. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, Stat Membru jista' jirrialloka dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li baqa' fil-flotta jew parti minnhom u li huma kkwalifikati għall-irkapti regolati. Jiem addizzjonali li ġejjin minn bastiment irtirat li kien ibbenefika minn kundizzjoni speċjali 5.2(a) jew (b) ma għandhomx jiġu allokati lill-bastiment li għadu attiv li ma jibbenefikax minn kundizzjoni speċjali.

7.5. Kull għadd addizzjonali ta’ jiem li jirriżulta minn waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd allokat mill-Kummissjoni għall-perjodu ta’ ġestjoni tal-2010 għandu jkun inkluż fl-għadd massimu ta’ ġranet għal kull Stat Membru muri fit-Tabella I u għandu jkun allokat lir-raggruppamenti tal-irkaptu fit-Tabella I u għandu jkun soġġett għall-aġġustament fil-limiti massimi tal-ġranet fuq il-baħar li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għall-perjodu ta' ġestjoni tal-2011.

7.6 Permezz ta’ deroga għall-punti 7.1, 7.2 u 7.3, il-Kummissjoni tista’ b’mod eċċezzjonali tagħti allokazzjoni ta’ jiem addizzjonali matul il-perjodu ta’ ġestjoni tal-2011 lil Membru abbażi tal-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd li jkun seħħ mill-1 ta’ Frar 2004 sal-31 ta’ Jannar 2010 u li ma kienx is-suġġett ta’ talba li saret qabel għal jiem addizzjonali.

## 9. L-ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI BIEX TITJIEB IL-KOPERTURA TAL-OSSERVAZZJONI XJENTIFIKA

8.1. Tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi rkaptu regolat jistgħu jkunu allokati lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Programm bħal dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq livelli ta' rimi tal-ħut u fuq l-għamla tal-qabda u jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-dejta, kif stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta’ qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta’ data [dejta] fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd[32] [Politika Komuni tas-Sajd] u r-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu għal programmi nazzjonali.

L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment u minn kwalunkwe membru tal-ewkipaġġ.

8.2. Stati Membri li jixtiequ jgawdu mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1 għandhom jagħtu deskrizzjoni tal-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

---

[32] ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

8.3. Abbażi ta' din id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta mal-STECF, il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definiti fil-punt 5.1 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu kkonċernati fil-programm imtejjeb tal-osservazzjoni xjentifika skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

8.4. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika ppreżentat minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu li għalih japplika l-programm.

## 10. IL-KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ALLOKAZZJONI TAL-JIEM

9.1. Jekk bastiment ikun irċieva għadd bla limitu ta' jiem addizzjonali b'riżultat tal-konformità mal-kundizzjonijiet speċjali, il-ħatt l-art tal-bastiment fil-perjodu ta' ġestjoni tal-2011 ma għandux jaqbeż 5 tunnellati ta' piż ħaj ta' marlozz u 2,5 tunnellati ta' piż ħaj ta' ksampu.

9.2. Meta xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix sodisfatta minn bastiment, dak il-bastiment għandu b'effett immedjat jitlef l-allokazzjoni ta' jiem marbuta mal-kundizzjoni speċjali mogħtija.

<table>
<tr><td colspan="4">Tabella I</td></tr>
<tr><td colspan="4">L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skont l-irkaptu tas-sajd kull sena</td></tr>
<tr><td>Kundizzjoni Speċjali</td><td>Irkaptu regolat</td><td colspan="2">Għadd massimu ta' jiem</td></tr>
<tr><td rowspan="3"></td><td rowspan="3">Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni Daniżi u xbieki simili bid-daqs tal-malja ta' ≥32 mm, għeżula bid-daqs tal-malja ta' ≥60 mm u konzijiet tal-qiegħ</td><td>ES</td><td></td></tr>
<tr><td>FR</td><td></td></tr>
<tr><td>PT</td><td></td></tr>
<tr><td>5.2(a) u 5.2(b)</td><td>Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni Daniżi u xbieki simili bid-daqs tal-malja ta' ≥32 mm, għeżula bid-daqs tal-malja ta' ≥60 mm u konzijiet tal-qiegħ</td><td colspan="2">Bla limitu</td></tr>
</table>

**SKAMBJU TAL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISFORZ TAS-SAJD**

## 11. IT-TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN BASTIMENTI LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU

10.1. Stat Membru jista' jippermetti kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu li jittrasferixxi jiem preżenti fiż-żona awtorizzati lilu, lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem li bastiment jirċievi mmultiplikata bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatt) ikun daqs jew inqas mir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-jiem trasferiti mill-bastiment donatur u l-

qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE.

10.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona trasferiti skont il-punt 10.1 immultiplikat bil-qawwa tal-magna f'kilowatts tal-bastiment donatur ma għandux ikun ogħla mill-medja tal-jiem annwali tal-bastiment donatur skont ir-riżultati mgħoddija tiegħu fiż-żona kif ivverifikati mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd għas-snin 2008 u 2009, immultiplikata bil-qawwa tal-magna f'kilowatts ta' dak il-bastiment.

10.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 10.1 għandu jitħalla biss bejn bastimenti li jaħdmu bl-istess irkaptu regolat u matul l-istess perjodu ta' ġestjoni.

10.4. It-trasferiment tal-jiem hu permess biss għal bastimenti li jibbenefikaw minn allokazzjoni ta' jiem ta' sajd mingħajr kundizzjoni speċjali.

10.5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Jistgħu jiġu adottati formati ta' spreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punt preżenti, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

### 12. IT-TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU BANDIERA TA' STATI MEMBRI DIFFERENTI

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perjodu ta' ġestjoni u fiż-żona bejn il-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm japplikaw il-punti 3.1, 3.2, u 10 *mutatis mutandis*. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw trasferiment bħal dan, qabel ma jsir dan it-trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inklużi l-għadd ta' jiem, l-isforz tas-sajd u, fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbuta magħhom.

## OBBLIGI TAR-RAPPURTAR

### 13. IL-ĠBIR TAD-DEJTA RILEVANTI

L-Istati Membri, abbażi tal-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulata f'dan l-Anness, għandhom għal kull trimestru jiġbru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali eżerċitat fiż-żona għal irkaptu rmunkat u rkaptu statiku, u l-isforz eżerċitat minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona, u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'kW.

### 14. IL-KOMUNIKAZZJONI TA' DEJTA RILEVANTI

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iħejju spreadsheet għall-Kummissjoni bid-dejta msemmija fil-punt 12 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika adattat, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, wkoll jibagħtu lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat li jkopri l-perjodi ta' ġestjoni tal-2010 u l-2011 kollha jew partijiet minnhom, bl-użu tal-format tad-dejta speċifikat fit-Tabelli IV u V.

| Tabella II |
| --- |
| Format tar-rappurtar tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena |

| Pajjiż | Irkaptu | Sena | Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) |

| Tabella III | | | |
|---|---|---|---|
| Format tad-dejta tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena | | | |
| Isem il-qasam | Għadd massimu ta' karattri/ċifri | Allinjament[33] L(xellug)/R(lemin) | Definizzjoni u kummenti |
| (1) Pajjiż | 3 | | Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih huwa reġistrat il-bastiment |
| (2) Irkaptu | 2 | | wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin<br>TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32mm<br>GN = għeżula ≥ 60mm<br>LL = konzijiet tal-qiegħ |
| (3) Sena | 4 | | jew l-2006 jew l-2007 jew l-2008 jew l-2009 jew l-2010 jew l-2011 |
| (4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv | 7 | R | ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd espress f'jiem kilowatt eżerċitat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena |

| Tabella IV | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Format tar-rappurtar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti | | | | | | | | |
| Pajjiż | CFR | Marka | Tul tal-pe | Irkaptu notifikat | Kundizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu/i | Jiem eliġibbli għall-użu tal-irkaptu/i notifikat(i) | Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i) | Trasferimen |

[33] L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-dejta bil-format ta' tul fiss.

| | | r e s t e r n | rj od u ta' ġe stj on i | | | | | notifikat(i) | | | | | | | | | | | | t ta' jie m |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | ( 2 ) | ( 3 ) | (4 ) | N ru 1 | N ru 2 | N r u 3 | … | N ru 1 | N ru 2 | N r u 3 | … | N ru 1 | N ru 2 | N r u 3 | … | N ru 1 | N ru 2 | N r u 3 | … | (9 ) |
| | | | | (5 ) | (5 ) | ( 5 ) | (5 ) | (6 ) | (6 ) | ( 6 ) | (6 ) | (7 ) | (7 ) | ( 7 ) | (7 ) | (8 ) | (8 ) | ( 8 ) | (8 ) | |

| Tabella V | | | |
|---|---|---|---|
| Format tad-dejta għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti | | | |
| Isem il-qasam | Għadd massimu ta' karattri/ċifri | Allinjament[34] L(xellug)/R(lemin) | Definizzjoni u kummenti |
| (1) Pajjiż | 3 | | Stat Membru (il-Kodiċi ISO Alfa-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment. |
| (2) CFR | 12 | | Numru tar-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE<br>Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd.<br>Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) u serje ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug. |
| (3) Markar estern | 14 | L | Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87. |

[34] L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-dejta bil-format ta' tul fiss.

| | | | |
|---|---|---|---|
| (4) Tul tal-perjodu ta' ġestjoni | 2 | L | Tul tal-perjodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur |
| (5) Irkapti notifikati | 2 | L | Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin<br>TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32mm<br>GN = għeżula ≥ 60mm<br>LL = konzijiet tal-qiegħ |
| (6) Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i notifikat(i) | 2 | L | Indikazzjoni ta' liema, jekk hemm, mill-kundizzjonijiet speċjali a-b imsemmija fil-punt 7.2 tal-Anness IIB hija applikabbli |
| (7) Jiem eliġibbli għall-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i) | 3 | L | L-għadd ta’ jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli taħt l-Anness IIB għall-għażla ta’ rkaptu u t-tul tal-perjodu ta' ġestjoni notifikat |
| (8) Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i) | 3 | L | L-għadd ta' jiem li l-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża rkaptu li jikkorrispondi għal irkaptu notifikat tul il-perjodu ta' ġestjoni notifikat |
| (9) Trasferiment ta' jiem | 4 | L | Għal jiem trasferiti indika “– għadd ta' jiem trasferiti” u għal jiem mogħtija indika “+ għadd ta' jiem trasferiti”. |

## ANNESS IIC

# L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TA' STOKKIJIET TAL-LINGWATA FIL-KANAL TAL-PUNENT FIŻ-ŻONA TAL-ICES VIIE

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### 15. L-AMBITU

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għal bastimenti tal-UE b'tul totali ta' 10 metri jew aktar, li jġorru abbord jew jużaw xi rkaptu definit fil-punt 3, u preżenti fiż-żona VIIe. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, referenza għas-sena 2011 tfisser il-perjodu mill-1 ta' Frar 2011 sal-31 ta' Jannar 2012.

1.2. Bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi bid-daqs tal-malja ta' 120 mm jew aktar u b'riżultati mgħoddija ta' inqas minn 300 kg ta' piż ħaj ta' lingwata skont il-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fl-2004 għandhom ikun eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness bil-kundizzjonijiet li:

(a) bastimenti bħal dawn jaqbdu inqas minn 300 kg ta' piż ħaj ta' lingwata matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011;

(b) bastimenti bħal dawn ma għandhom jittrażbordaw l-ebda ħut fuq il-baħar lejn bastiment ieħor; kif ukoll

(c) kull Stat Membru kkonċernat jagħmel rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2011, u l-31 ta' Jannar 2012, dwar dawn ir-riżultati mgħoddija tal-bastimenti għal-lingwata fl-2004 u l-qabdiet tal-lingwata fl-2011.

Meta xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix sodisfatta, il-bastimenti kkonċernati jieqfu, b'effett immedjat, milli jkunu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

### 2. IRKAPTU TAS-SAJD

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw ir-raggruppamenti segwenti ta' rkapti tas-sajd:

(a) xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malja ta' 80 mm jew akbar;

(b) xbieki statiċi inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil bid-daqs tal-malja ta' inqas minn 220 mm.

### 3. L-OBBLIGI ĠENERALI U LIMITU FL-ATTIVITÀ

3.1. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-isforz massimu permess skont l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3.2. L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ż-żona tal-ICES VIIe.

## IMPLIMENTAZZJONI TAL-LIMITI TAL-ISFORZ TAS-SAJD

## 4. IL-BASTIMENTI KKONĊERNATI MIL-LIMITAZZJONIJIET TAL-ISFORZ TAS-SAJD

4.1. Il-bastimenti kollha li jużaw tipi ta' rkaptu identifikati fil-punt 2 u jistadu fiż-żoni definiti fil-punt 1 għandu jkollhom permess tas-sajd speċjali maħruġ skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1627/94.

4.2. Stat Membru ma għandux jippermetti sajd b'irkaptu li jagħmel parti minn raggruppament tal-irkaptu tas-sajd definit fil-punt 2 fiż-żona minn xi bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu li ma għandux rekord ta' tali attività ta' sajd għas-snin 2002 sal-2010 f'dik iż-żona, sakemm jiżgura li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħallhiex għas-sajd fiż-żona regolata.

4.3. Madankollu, bastiment b'riżultati mgħoddija ta' użu ta' rkaptu ta' kategorija ta' rkapti tas-sajd definita fil-punt 2 jista' jiġi awtorizzat li juża rkaptu tas-sajd differenti, sakemm l-għadd ta' jiem allokati għal dan l-irkaptu tal-aħħar ikun ikbar jew daqs l-għadd ta' jiem allokati lill-irkaptu tal-ewwel.

4.4. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona definita fil-punt 1, ma għandux jitħalla jistad f'dik iż-żona b'irkaptu ta' raggruppament tal-irkaptu tas-sajd definit fil-punt 2, sakemm il-bastiment jingħata kwota wara trasferiment kif permess skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u jiġi allokat jiem fuq il-baħar skont il-punt 10 jew 11 ta' dan l-Anness.

## 5. IL-LIMITAZZJONIJIET FL-ATTIVITÀ

Kull Stat Membru għandu jiżgura li, waqt li jkunu jġorru abbord kwalunkwe wieħed mir-raggruppamenti tal-irkapti tas-sajd imsemmija fil-punt 2, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fl-UE għandhom ikunu preżenti fiż-żona għal mhux aktar mill-għadd ta' jiem stabbilit fil-punt 6.

# GĦADD TA' JIEM TA' PREŻENZA FIŻ-ŻONA ALLOKATA LILL-BASTIMENTI TAL-UE

## 6. L-GĦADD MASSIMU TA' JIEM

6.1. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li għalihom Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, filwaqt li jkun ġarr abbord u għamel użu minn kwalunkwe wieħed mill-irkapti tas-sajd imsemmija fil-punt 2, huwa muri fit-Tabella I.

6.2. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, l-għadd ta' jiem fis-sena li fihom bastiment ikun preżenti fiż-żona kollha koperta b'dan l-Anness u l-Anness IIA ma għandux jeċċedi l-għadd muri fit-Tabella I ta' dan l-Anness. Madankollu, fejn il-bastiment huwa soġġett għal allokazzjonijiet tal-isforz massimu għall-preżenza tiegħu f'żoni koperti mill-Anness IIA biss, huwa għandu jikkonforma mal-isforz massimu stabbilit b'dan il-mod.

6.3. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, Stat Membru jista' jiġġestixxi l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd tiegħu skont is-sistema tal-jiem kilowatt. B'dik is-sistema jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li huwa differenti minn dak stipulat fit-Tabella I għal kwalunkwe wieħed mill-gruppi ta' rkapti tas-sajd stipulati f'dik it-Tabella, dment li jiġu rispettati l-ammonti totali ta' jiem kilowatt li jikkorrispondu għal tali raggruppament.

Għal raggruppament speċifiku ta' rkapti tas-sajd l-ammonti totali ta' jiem kilowatt għandu jkun it-totali tal-isforzi tas-sajd individwali kollha allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat u li jikkwalifikaw għal dak ir-raggruppament speċifiku. Sforzi tas-sajd individwali bħal dawn għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt permezz tal-multiplikazzjoni tal-qawwa tal-magni ta' kull bastiment bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kieku jibbenefika minnhom, skont it-Tabella I, li kieku dan il-punt ma jiġix applikat.

6.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-punt 6.3 għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku li jkun fihom, għal kull raggruppament tal-irkapti tas-sajd, id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

– lista ta' bastimenti awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-Numru fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom,

– l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skont it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 6.3.

Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru biex jibbenefika mill-punt 6.3.

## 7. IL-PERJODI TA' ĠESTJONI

7.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona mogħtija fit-Tabella I f'perjodi ta' ġestjoni b'tul ta' xahar kalendarju jew aktar.

7.2. L-għadd ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perjodu ta' ġestjoni, għandu jkun stabbilit kif jidhirlu adattat l-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ li Stat Membru jawtorizza bastimenti biex ikunu preżenti fiż-żona f'perjodi ta' sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita konsum eċċessiv tal-jiem ġewwa ż-żona minħabba li bastiment ikun temm il-preżenzi tiegħu fiż-żona b'mod li ma jaqbilx ma' tmiem il-perjodu ta' 24 siegħa.

## 8. L-ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI GĦALL-WAQFIET PERMANENTI MILL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

8.1. Għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona ġeografika filwaqt li jkollu abbord kwalunkwe rkaptu msemmi fil-punt 2 jista' jiġi allokat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew mill-1 ta' Jannar 2004 jew skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 jew l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 744/2008, jew li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn motivati kif adattat mill-Istati Membri.

L-isforz magħmul fl-2003, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu inkwistjoni għandu jinqasam bejn l-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu matul l-2003. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat il-proporzjon miksub b'dan il-mod mill-għadd ta' jiem li setgħu kienu allokati skont it-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ.

Dan il-punt ma għandux japplika fejn bastiment ikun ġie ssostitwit skont il-punt 4.2 jew meta l-irtirar diġà ntuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

8.2. Stati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1 għandhom iressqu talba lill-Kummissjoni b'rapporti fil-format elettroniku, li jkun fihom, għal kull raggruppament tal-irkaptu tas-sajd, id-dettalji tal-kalkoli abbażi ta':

– listi ta' bastimenti rtirati, b'indikazzjoni tan-numru fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom,

– l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003 kkalkolati bħala jiem fuq il-baħar mir-raggruppament ta' rkapti tas-sajd konċernat.

8.3. Abbażi ta' talba bħal din il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definit fil-punt 6.2 għal dak l-Istat Membru skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

8.4. Matul il-perjodu ta' ġestjoni tal-2011, Stat Membru jista' jirrialloka dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li baqa' fil-flotta jew partijiet minnha u li huma kwalifikati għar-raggruppament ta' rkapti tas-sajd rilevanti.

8.5. Stat Membru ma jistax jirrialloka fil-perjodu ta' ġestjoni tal-2011 kwalunkwe għadd ta' jiem addizzjonali li jirriżulta mill-waqfien permanenti ta' attività li qabel kienet allokata mill-Kummissjoni, sakemm il-Kummissjoni ma tiħux deċiżjoni li tivvaluta mill-ġdid dawk il-jiem addizzjonali abbażi tar-raggruppamenti ta' rkaptu attwali u l-limiti ta' jiem fuq il-baħar. Fuq talba tal-Istat Membru sabiex issir il-valutazzjoni mill-ġdid tal-għadd ta' jiem, l-Istat Membru huwa awtorizzat b'mod temporanju sabiex jirrialloka 50 % tal-għadd ta' jiem addizzjonali, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

## 9. L-ALLOKAZZJONI TA' JIEM ADDIZZJONALI BIEX TITJIEB IL-KOPERTURA TAL-OSSERVAZZJONI XJENTIFIKA

9.1. Tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe raggruppament ta' rkaptu tas-sajd imsemmi fil-punt 2, jistgħu jkunu allokati bejn l-1 ta' Frar 2011 u l-31 ta' Jannar 2012 lill-Istati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-programm biex titjieb il-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Programm bħal dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli tar-rimi tal-ħut u fuq l-għamla tal-qabda u jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-dejta kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 199/2008 u r-Regolament (KE) Nru 665/2008 għall-programmi nazzjonali.

L-osservaturi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment u minn kwalunkwe membru tal-ewkipaġġ.

9.2. Stati Membri li jixtiequ jgawdu mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 9.1 għandhom jagħtu deskrizzjoni tal-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

9.3. Abbażi ta' din id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta mal-STECF, il-Kummissjoni tista' temenda l-għadd ta' jiem definit fil-punt 6.1 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu kkonċernati fil-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

9.4. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika ppreżentat minn Stat Membru ikun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru jixtieq ikompli l-applikazzjoni tiegħu mingħajr tibdil, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummisjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perjodu li għalih japplika l-programm.

| **Tabella I** | | |
|---|---|---|
| **L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skont ir-raggruppament tal-irkaptu tas-sajd kull sena** | | |
| Irkaptu<br>tal-punt 2 | Denominazzjoni<br>Ir-raggruppamenti tal-irkaptu kif iddefiniti fil-punt 2 biss huma użati. | Kanal tal-Punent |
| 2(a) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malja ≥ 80 mm | |
| 2(b) | Xbieki fissi bid-daqs tal-malja < 220 mm | |

**SKAMBJU TAL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-ISFORZ TAS-SAJD**

**10. IT-TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STAT MEMBRU**

10.1. Stat Membru jista' jippermetti lil kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu li jittrasferixxi jiem ta' preżenza fiż-żona li għaliha ġie awtorizzat lil bastiment ieħor li jtajjar il-bandiera tiegħu fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-jiem li jingħata bastiment u l-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatt) huwa daqs jew inqas mir-riżultat tal-jiem trasferiti mill-bastiment donatur u l-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE.

10.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona, immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts ma għandhiex tkun aktar mill-medja tal-jiem annwali tal-bastiment donatur skont ir-riżultati mgħoddija tiegħu fiż-żona kif ivverifikati mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd għas-snin 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005, immultiplikata bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

10.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 10.1 għandu jiġi permess biss bejn bastimenti li joperaw fi ħdan l-istess raggruppament ta' rkaptu msemmija fil-punt 2 u matul l-istess perjodu ta' ġestjoni.

10.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Sabiex dawn ir-rapporti jkunu disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat format dettaljat ta' spreadsheet skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

**11. IT-TRASFERIMENT TA' JIEM BEJN BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU BANDIERA TA' STATI MEMBRI DIFFERENTI**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perjodu ta' ġestjoni u fiż-żona bejn kwalunkwe bastimenti tas-sajd li jtajru l-bnadar tagħhom

dment li l-punti 4.2, 4.4, 6 u 10 japplikaw *mutatis mutandis*. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw trasferiment bħal dan, qabel ma jseħħ it-trasferiment, bħala proċedura preliminari, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inklużi l-għadd ta' jiem trasferiti, l-isforz tas-sajd, u fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbuta magħhom, kif miftiehem bejniethom.

OBBLIGI TAR-RAPPURTAR

## 12. IL-ĠBIR TAD-DEJTA RILEVANTI

L-Istati Membri, abbażi tat-tagħrif użat għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness, għandhom jiġbru għal kull trimestru t-tagħrif dwar l-isforz tas-sajd totali magħmul fiż-żona għal irkaptu rmunkat u rkaptu statiku, u l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona rilevanti għal dan l-Anness.

## 13. IL-KOMUNIKAZZJONI TA' DEJTA RILEVANTI

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iħejju spreadsheet għall-Kummissjoni bid-dejta msemmija fil-punt 12 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika adattat, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtu wkoll lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat li jkopri l-perjodi ta' ġestjoni tal-2010 u l-2011 kollha jew partijiet minnhom, bl-użu tal-format tad-dejta speċifikat fit-Tabelli IV u V.

| **Tabella II** | | | |
|---|---|---|---|
| **Format tar-rappurtar tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena** | | | |
| Pajjiż | Irkaptu | Sena | Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv |
| (1) | (2) | (3) | (4) |

| **Tabella III** | | | |
|---|---|---|---|
| **Format tad-dejta tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena** | | | |
| Isem il-qasam | Għadd massimu ta' karattri/ċifri | Allinjament[35] L(xellug)/R(lemin) | Definizzjoni u kummenti |
| (1) Pajjiż | 3 | | Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) li fih huwa reġistrat il-bastiment |
| (2) Irkaptu | 2 | | wieħed mit-tipi ta' rkaptu li |

[35] L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-dejta bil-format ta' tul fiss.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | ġejjin<br>BT = xbieki tat-tkarkir bit-travu ≥ 80 mm<br>GN = għeżula < 220 mm<br>TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm |
| (3) Sena | 4 | | jew l-2006 jew l-2007 jew l-2008 jew l-2009 jew l-2010 jew l-2011 |
| (4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv | 7 | R | ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd espress f'jiem kilowatt eżerċitat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena |

| Tabella IV | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Format tar-rappurtar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Paj jiż | CFR | Markar estern | Tul tal-perjodu ta' ġestjoni | Irkaptu notifikat | | | | Jiem eliġibbli għall-użu tal-irkaptu/i notifikat(i) | | | | Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i) | | | | Trasferiment ta' jiem |
| | | | | Nru 1 | Nru 2 | Nru 3 | … | Nru 1 | Nru 2 | Nru 3 | … | Nru 1 | Nru 2 | Nru 3 | … | |
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (5) | (5) | (5) | (6) | (6) | (6) | (6) | (7) | (7) | (7) | (7) | (8) |

| **Tabella V** | | | |
|---|---|---|---|
| **Format tad-dejta għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti** | | | |
| Isem il-qasam | Għadd massimu ta' karattri/ċifri | Allinjament[36]<br>L(xellug)/R(lemin) | Definizzjoni u kummenti |
| (1) Pajjiż | 3 | | Stat Membru (il-Kodiċi ISO Alfa-3) li fih huwa rreġistrat il- |

[36] L-informazzjoni rilevanti għat-trażmissjoni tad-dejta bil-format ta' tul fiss.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | bastiment. |
| (2) CFR | 12 | | Numru tar-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-UE<br>Numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd.<br>Stat Membru (Kodiċi Alfa-3 ISO) u serje ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug. |
| (3) Markar estern | 14 | L | Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87 |
| (4) Tul tal-perjodu ta' ġestjoni | 2 | L | Tul tal-perjodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur |
| (5) Irkapti notifikati | 2 | L | Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin<br>BT = xbieki tat-tkarkir bit-travu ≥ 80 mm<br>GN = għeżula < 220 mm<br>TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm |
| (6) Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i notifikat(i) | 3 | L | L-għadd ta' jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli taħt l-Anness IIC għall-għażla ta' rkaptu u t-tul tal-perjodu ta' ġestjoni notifikat |
| (8) Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i) | 3 | L | L-għadd ta' jiem li l-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża rkaptu li jikkorrispondi għal irkaptu notifikat tul il-perjodu ta' ġestjoni notifikat |
| (9) Trasferiment ta' jiem | 4 | L | Għal jiem trasferiti indika "– għadd ta' jiem trasferiti" u għal jiem mogħtija indika "+ għadd ta' jiem trasferiti". |

## ANNESS IID

# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FIŻ-ŻONI TAL-ICES IIA, IIIA U IV

[1. Il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-bastimenti tal-UE li jistadu fl-ilmijiet tal-UE fiż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV bi xbieki tat-tkarkir demersali, bit-tartarun jew irkaptu simili rmunkat, bid-daqs tal-malja iżgħar minn 16 mm.

2. Il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell fl-ibħra tal-UE taż-żona tal-ICES IV jekk mhux speċifikat mod ieħor, jew bħala konsegwenza ta' konsultazzjonijiet bejn l-UE u n-Norveġja kif imniżżel fir-Rekord Miftiehem tal-konklużjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Anness jum preżenti fiż-żona għandu jkun:

   (a) il-perjodu ta' 24 siegħa bejn 00:00 ta' jum kalendarju u 24:00 tal-istess jum kalendarju jew xi parti minn perjodu bħal dan; jew

   (b) kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa kif irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd bejn id-data u l-ħin tat-tluq u d-data u l-ħin tal-wasla jew xi parti minn tali perjodu.

4. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jżomm bażi tad-dejta li fiha l-informazzjoni li ġejja għall-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV u għal kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat fl-UE li jistad bi xbieki tat-tkarkir demersali, bit-tartaruni jew irkaptu simili rmunkat, bid-daqs tal-malja ta' inqas minn 16 mm:

   (a) l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni intern tal-bastiment;

   (b) il-qawwa tal-magna stallata tal-bastiment f'kilowatts imkejla skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86;

   (c) l-għadd ta' jiem preżenti fiż-żona meta kien qed jistad bi xbieki tat-tkarkir demersali, bit-tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malja ta' inqas minn 16 mm.

   (d) il-jiem kilowatt bħala r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-għadd ta' jiem ta' preżenza u l-qawwa tal-magna stallata f'kilowatts.

5. Is-sajd esploratorju marbut ma' abbundanza ta' ċiċċirell għandu jibda mhux aktar kmieni mill-1 ta' April 2011 u jispiċċa mhux aktar tard mis-6 ta' Mejju 2011.

   Il-limitu massimu totali ta' sforz tas-sajd permess fis-sajd esploratorju marbut ma' abbundanza ta' ċiċċirell fl-2011 għandu jkun iddeterminat abbażi tal-isforz tas-sajd totali eżerċitat mill-bastimenti tal-UE fl-2007 stabbilit f'konformità mal-punt 4 u għandu jkun maqsum fost l-Istati Membri skont l-allokazzjonijiet tal-kwota f'din it-TAC.

6. It-TAC u l-kwoti għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa, IIIa u IV kif stipulati fl-Anness I għandhom jiġu rriveduti mill-Kummissjoni kmieni kemm jista' jkun, abbażi tal-pariri tal-ICES u l-STECF dwar id-daqs tal-klassi tas-sena 2010 taċ-ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji li ġejjin kif ukoll elementi rilevanti oħra misjuba fil-pariri xjentifiċi:

It-TAC għall-ilmijiet tal-UE taż-żoni tal-ICES IIa u IV għandu jkun stabbilit skont il-formula sussegwenti:

$$TAC_{2011} = -333+R1,2011*3,692$$

fejn R1,2011 huwa d-daqs tal-istokk taċ-ċiċċirell li jkollu sena (1) f'biljuni fl-1 ta' Jannar 2011 u t-TAC hu espress f'1000 tunnellata.

7. Jekk it-TAC ikkalkulat fil-punt 6 jeċċedi l-400000 tunnellata, it-TAC għandu jkun stabbilit għal 400000 tunnellata.

8. Is-sajd kummerċjali bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji anqas minn 16 mm, għandu jkun ipprojbit mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2011.

## ANNESS IIE

# SFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD FIŻ-ŻONI TAL-ICES VIIF U G

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-isforz tas-sajd demersali fiż-żona tal-ICES VIIf u g matul l-2011 tal-bastimenti li qed itajru l-bandiera tiegħu ma għandux ikun aktar minn 90 % tal-isforz magħmul mill-bastimenti li kienu jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru fl-2007

2. Għall-finijiet tal-punt 1,

   (a) l-isforz tas-sajd demersali huwa definit bħala s-somma tar-riżultati tal-multiplikazzjoni tal-għadd ta' jiem preżenti fiż-żona u l-qawwa tal-magna stallata f'kilowatts;

   (b) jum preżenti fiż-żona għandu jkun:

   - il-perjodu ta' 24 siegħa bejn 00:00 ta' jum kalendarju u 24:00 tal-istess jum kalendarju jew xi parti minn perjodu bħal dan; jew
   - kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa kif irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd bejn id-data u l-ħin tat-tluq u d-data u l-ħin tal-wasla jew xi parti minn tali perjodu.

   (c) il-qawwa tal-magna stallata tal-bastiment f'kilowatts imkejla skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86.

3. Minkejja l-punt 2(b), il-jiem li fihom bastiment huwa preżenti fiż-żona u għandu abbord sardin, kavalli, aringi, laċċa kaħla, stokkafixx, sawrell u arġentina biss ma għandux ikun inkluż mal-kalkolu tal-isforz tas-sajd demersali.

4. Minkejja l-punt 2(b), il-jiem li fihom bastiment huwa preżenti fiż-żona u juża, jirkupra jew iġorr abbord l-irkapti li ġejjin biss:

   – nases għall-awwisti;

   – kavetti;

   – nases għall-bronji

   – nases għall-granċi

ma għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolu tal-isforz tas-sajd demersali sakemm jinżammu abbord biss il-krustaċji u l-molluski.

5. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2011 l-isforz magħmul mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru fl-2007, kif jirriżulta mir-regoli tal-kalkolu stipulati f'dan l-Anness.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-isforz massimu permess skont l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

7. L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ż-żona tal-ICES VIIf u g.

8. L-Istati Membri, abbażi tal-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti f'żona kif stipulata f'dan l-Anness, għandhom jiġbru għal kull trimestru, l-informazzjoni dwar:

(a) l-isforz tas-sajd totali magħmul fiż-żona kkonċernata minn dan l-Anness u

(b) l-isforz magħmul mill-bastimenti li jużaw tipi ta' rkaptu differenti minn dawk elenkati fil-punt 4 fiż-żona kkonċernata f'dan l-Anness.

## ANNESS III

## LIMITI KWANTITATTIVI TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAL-UE LI JISTADU F'ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

| Żona tas-sajd | Sajd | Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd | Allokazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd bejn l-Istati Membri | Għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin |
|---|---|---|---|---|
| Ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen | Għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | 93 | DK: 32, DE: 6, FR: 1, IE: 9, NL: 11, PL: 1, SV: 12, UK: 21 | 69 |
| | Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | 80 | DE: 16, IE: 1, ES: 20, FR: 18, PT: 9, UK: 14 | 50 |
| | Kavalli | 97 | DK: 15, DE: 4, FR: 2, IE: 23, NL: 11, SE: 6, UK: 36 | 70 |
| | Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N | 480 | DK: 450, UK: 30 | 150 |
| L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe | Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linja ta' bażi tal-Gżejjer Faeroe | 26 | BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18 | 13 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Sajd maħsub għall-merluzz u l-haddock bid-daqs tal-malja ta' qies minimu ta' 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62° 28' N u l-Lvant ta' 6° 30' W | 8[1] | | 4 |
| | Tkarkir 'il barra minn 21 mil millinja ta' bażi tal-Gżejjer Faeroe. Fil-perjodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61° 20' N u 62° 00' N u bejn 12 u 21 mil millinji ta' bażi. | 70 | BE: 0, DE: 10, FR: 40, UK: 20 | 26 |
| | Sajd bit-tkarkir għal-linarda bid-daqs tal-malja minimu ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61° 30' N u l-Punent ta' 9° 00' W u fiż-żona bejn 7° 00' W u 9° 00' W fin-Nofsinhar ta' 60° 30' N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60° 30' N, 7° 00' W u 60° 00' N, 6° 00' W | 70 | DE: 8[2], FR: 12[2], UK: 0[2] | 20[3] |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Sajd bit-tkarkir maħsub għall-pollakkju (saithe) b'malji ta' qies minimu ta' 120 mm u bil-possibilità li jintużaw ċineg fit-tond madwar il-manka. | 70 | | 22(3) |
| | Sajd għall-istokkafixx. L-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faeroe jintroduċu regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona li tissejjaħ 'iż-żona ewlenija tas-sajd għall-istokkafixx' | 36 | DE: 3, DK: 19, FR: 2, NL: 5, UK: 5 | 20 |
| | Sajd bix-xlief | 10 | UK: 10 | 6 |
| | Kavalli | 12 | DK: 12 | 12 |
| | Aringi fit-Tramuntana ta' 61° N | 21 | DK: 7, DE: 1, IE: 2, FR: 0, NL: 3, SV: 3, UK: 5 | 21 |

(1) Wara r-Rekord Miftiehem tal-1999, iċ-ċifri għas-sajd maħsub għall-merluzz u għall-haddock huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Is-sajd bit-tkarkir kollu b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faeroe'.

(2) Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin

(3) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Sajd bit-tkarkir aktar minn 21 mil 'il barra mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faeroe'.

**ANNESS IV**

# ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT

1. Għadd massimu ta' dgħajjes tal-UE tal-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Lvant tal-Atlantiku:

| | |
|---|---|
| Spanja | |
| Franza | |
| L-UE | |

2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE tas-sajd kostali artiġjanali awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Mediterran:

| | |
|---|---|
| Spanja | |
| Franza | |
| L-Italja | |
| Ċipru | |
| Malta | |
| L-UE | |

3. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' akkwakultura:

| | |
|---|---|
| L-Italja | |
| L-UE | |

4. L-għadd massimu u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

**TABELLA A**

| | Għadd ta' bastimenti tas-sajd | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ċipru | Il-Greċja | L-Italja | Franza | Spanja | Malta |
| Bastimenti tas-sajd bil-purse seines | | | | | | |
| Bastimenti tas-sajd bil-konz | | | | | | |
| Dgħajsa tas-sajd | | | | | | |

| | |
|---|---|
| bil-lixka<br>Bix-xolfa tal-idejn<br>Bastiment tat-tkarkir<br>Sajd artiġjanali ieħor | |

**TABELLA B**

| Kapaċità totali f'tunnellaġġ gross | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ċipru | Il-Greċja | L-Italja | Franza | Spanja | Malta |
| Bastimenti tas-sajd bil-purse seines<br>Bastimenti tas-sajd bil-konz<br>Dgħajsa tas-sajd bil-lixka<br>Bix-xolfa tal-idejn<br>Bastiment tat-tkarkir<br>Sajd artiġjanali ieħor | | | | | | |

5. Għadd massimu ta' nases awtorizzati għall-użu fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għas-sajd tat-tonn minn kull Stat Membru

| | Għadd ta' nases |
|---|---|
| Spanja<br>L-Italja<br>Il-Portugall | |

6. Il-kapaċità massima ta' kultivazzjoni u ta' tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-istabbilimenti tiegħu tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

**TABELLA A**

| | Kapaċità massima tal-kultivazzjoni u tismin tat-tonn | |
|---|---|---|
| | Għadd ta’ stabbilimenti ta’ kultivazzjoni | Kapaċità (tunnellati) |
| Spanja<br>L-Italja<br>Il-Greċja<br>Ċipru<br>Malta | | |

**TABELLA B**

| | Input massimu ta' tonn maqbud mis-salvaġġ (f'tunnellati) |
|---|---|
| Spanja<br>L-Italja<br>Il-Greċja<br>Ċipru<br>Malta | |

## ANNESS V

# ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

### PARTI A

PROJBIZZJONI TA' SAJD DIRETT FIŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

| Speċijiet fil-mira | Żona | Perjodu ta' projbizzjoni |
|---|---|---|
| Klieb il-baħar (l-ispeċijiet kollha) | Żona tal-Konvenzjoni | Is-sena kollha |
| *Notothenia rossii* | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.1, fiż-Żona tal-Peniżola<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.2, madwar South Orkneys<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.3, madwar South Georgia | Is-sena kollha |
| Ħut tal-pinen | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.1(1)<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.2(1) | Is-sena kollha |
| *Gobionotothen gibberifrons*<br>*Champsocephalus gunnari* *Mackerel icefish*<br>*Pseudochaenichthys georgianus*<br>*Lepidonotothen squamifrons*<br>*Patagonotothen guntheri*<br>*Electrona carlsbergiv*[37] | Iż-żona FAO 48.3 | Is-sena kollha |
| *Dissostichus* spp. | Iż-żona tal-Antartiku FAO 48.5 | Mill-1.12.2010 sat-30.11.2011 |
| *Dissostichus* spp. | Iż-żona tal-Antartiku FAO 88.3(1)<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.1(1)(2)<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2 fil-Lvant ta' 79° 20' E u barra ż-ŻEE tal-Punent ta' 79° 20' E~(1)<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 88.2 fit-Tramuntana ta’ 65° S(1)<br>Iż-żona tal- | Is-sena kollha |

[37] Ħlief għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.

| | | |
|---|---|---|
| | Antartiku FAO 58.4.4[(1)(2)]<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.6[(1)]<br>Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.7[(1)] | |
| *Lepidonotothen squamifrons* | Iż-żona FAO 58.4.4[(1)(2)] | Is-sena kollha |
| L-ispeċi kollha ħlief *Champsocephalus gunnari* u *Dissostichus eleginoides* | Iż-żona tal-Antartiku FAO 58.5.2 | Mill-1.12.2010 sat-30.11.2011 |
| *Dissostichus mawsoni* | FIż-żona tal-Antartiku AO 48.4[(1)] fiż-żona kkonfinata mil-latitudnijiet 55° 30' S u 57° 20' S u mil-lonġitudnijiet 25° 30' W u 29° 30' W | Is-sena kollha |
| (1) Ħlief għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.<br>(2) Jeskludu ilmijiet soġġetti għal ġuriżdizzjoni nazzjonali (ŻEE). | | |

**PARTI B**

LIMITI TAL-QBID U TAL-QBID INĊIDENTALI GĦAL SAJD ĠDID U ESPLORATORJU FIŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR FL-2010/11

| Subżona/Diviżjoni | Reġjun | Staġun | SSRU | *Dissostichus* spp. limitu tal-qbid (f'tunnellati) | Limitu tal-qbid inċidentali (tunnellati) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Rebekkini u Raj | *Macrouurus* spp. | Speċijiet oħra |
| 58.4.1 | Id-Diviżjoni Sħiħa | Mill-1.12.2010 sat-30.11.2011 | SSRU A, B, D, F u H: 0<br>SSRU C: 100<br>SSRU E: 50<br>SSRU G: 60 | Total 210 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 50 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 33 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 20 |
| 58.4.2 | Id-Diviżjoni Sħiħa | Mill-1.12.2010 sat-30.11.2011 | SSRU A: 30<br>SSRU B, C u D: 0<br>SSRU E: 40 | Total 70 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 50 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 20 | Id-Diviżjoni<br>Kollha: 20 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88.1 | Is-Subżona kollha | Mill-1.12.2010 sal-31.08.2011 | SSRU A: 0<br>SSRUs B, C u G: 372<br>SSRUs D, E u F: 0<br>SSRUs H, I u K: 2104<br>SSRUs J u L: 374<br>SSRU M: 0 | Total 2850 | 142<br>SSRU A: 0<br>SSRU B, C u G: 50<br>SSRUs D, E u F: 0<br>SSRUs H, I u K: 105<br>SSRUs J u L: 50<br>SSRU M: 0 | 430<br>SSRU A: 0<br>SSRU B, C u G: 40<br>SSRUs D, E u F: 0<br>SSRUs H, I u K: 320<br>SSRUs J u L: 70<br>SSRU M: 0 | 20<br>SSRU A: 0<br>SSRU B, C u G: 60<br>SSRUs D, E u F: 0<br>SSRUs H, I u K: 60<br>SSRUs J u L: 40<br>SSRU M: 0 |
| 88.2 | Fin-Nofsinhar ta' 65° S | Mill-1.12.2010 sal-31.08.2011 | SSRU A u B: 0<br>SSRUs C, D, F u G: 214<br>SSRU E: 361 | Total 575(1) | 50(1)<br>SSRU A u B: 0<br>SSRUs C, D, F u G: 50<br>SSRU E: 50 | 92(1)<br>SSRU A u B: 0<br>SSRUs C, D, F u G: 34<br>SSRU E: 58 | 20<br>SSRU A u B: 0<br>SSRUs C, D, F u G: 80<br>SSRU E: 20 |
| (1) Regoli għal limiti ta' qbid għal speċijiet ta' qbid inċidentali għal kull SSRU, applikabbli fil-limiti totali ta' qbid inċidentali għal kull Subżona:<br>– rebekkini u raj: 5 % tal-limitu tal-qbid għad-*Dissostichus* spp. jew 50 tunnellata, skont liema huwa l-ikbar,<br>– *Macrourus* spp.: 16 % tal-limitu tal-qbid għad-*Dissostichus* spp.,<br>– speċijiet oħrajn: 20 tunnellata għal kull SSRU. | | | | | | | |

**PARTI C**

NOTIFIKA TA' INTENZJONI TA' PARTEĊIPAZZJONI F'SAJD GĦALL-*EUPHAUSIA SUPERBA*

Parti Kontraenti:

Staġun tas-sajd:

Isem il-bastiment:

Livell ta’ qabda mistenni (tunnellati):

| | |
|---|---|
| Teknika tas-sajd: | Tkarkir konvenzjonali |
| | Sistema ta’ sajd kontinwu |
| | Ippompjar biex titbattal il-manka |
| | Metodi oħrajn approvati: Jekk jogħġbok speċifika |

Prodotti li għandhom ikunu dderivati mill-qabda u l-fatturi tal-konverżjoni tagħhom[38]:

| Tip ta’ prodott | % tal-qabda | Il-fattur ta’ konverżjoni[39] |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

| Subżona/Diviżjoni | | Diċ | Jan | Frar | Mar | Apr | Mej | Ġun | Lul | Aww | Set | Ott | Nov |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 48.1 | | | | | | | | | | | | |
| | 48.2 | | | | | | | | | | | | |
| | 48.3 | | | | | | | | | | | | |
| | 48.4 | | | | | | | | | | | | |
| | 48.5 | | | | | | | | | | | | |
| | 48.6 | | | | | | | | | | | | |
| | 58.4.1 | | | | | | | | | | | | |
| | 58.4.2 | | | | | | | | | | | | |
| | 88.1 | | | | | | | | | | | | |

38

39 Il-fattur ta’ konverżjoni = piż sħiħ/piż proċessat.

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 88.2 | | | | | | | | | | | | |
| | 88.3 | | | | | | | | | | | | |
| | X | Immarka l-kaxxi fejn u meta x'aktarx se topera. | | | | | | | | | | | |
| | | Limiti ta' qbid ta' prekawzjoni mhux stipulati, għalhekk ikkunsidrati bħala sajd esploratorju. | | | | | | | | | | | |

Innota li d-dettalji li tipprovdi hawn huma għall-informazzjoni biss u ma jipprekledukx milli topera f'żoni jew ħinijiet li ma tkunx speċifikajt

**PARTI D**

KONFIGURAZZJONI TAX-XIBKA U L-UŻU TA' TEKNIKI TAS-SAJD

| Ċirkonferenza tal-ftuħ tax-xibka (bokka) (m) | Ftuħ vertikali (m) | Ftuħ orizzontali (m) |
|---|---|---|
| | | |

Tul tal-pannell tax-xibka u d-daqs tal-malja

| Pannell | Tul (m) | Daqs tal-malja (mm) |
|---|---|---|
| L-ewwel (1) pannell | | |
| It-tieni (2) pannell | | |
| It-tielet (3) pannell | | |
| … | | |
| Pannell finali (manka) | | |

Ipprovdi dijagramma ta' kull konfigurazzjoni tax-xibka użata

Użu ta' tekniki tas-sajd multipli[40]: Iva Le

| | Teknika tas-sajd | Parti mill-ħin li mistenni jintuża (%) |
|---|---|---|
| 1 | | |
| 2 | | |
| 3 | | |

[40] Jekk iva, il-frekwenza tal-bidla bejn it-tekniki tas-sajd:

| | | |
|---|---|---|
| 4 | | |
| 5 | | |
| … | | Total 100 % |

Preżenza ta' apparat għall-esklużjoni ta' mammiferi tal-baħar[41]: Iva Le

Ipprovdi spjegazzjoni tat-tekniki tas-sajd, il-konfigurazzjoni u l-karatteristiċi tal-irkaptu u d-disinji tas-sajd

[41] Jekk iva, ipprovdi disinn tal-apparat:

## ANNESS VI

# ŻONA TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-żona tal-IOTC

| Stat Membru | Għadd massimu ta’ bastimenti | Kapaċità (TG) |
|---|---|---|
| Spanja | 22 | 61 364 |
| Il-Portugall | 5 | 1 627 |
| L-UE | 49 | 96 595 |

2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-IOTC

| Stat Membru | Għadd massimu ta’ bastimenti | Kapaċità (TG) |
|---|---|---|
| Spanja | 27 | 11 590 |
| Franza[42] | 26 | 2 007 |
| Il-Portugall | 15 | 6 925 |
| Ir-Renju Unit | 4 | 1 400 |
| L-UE | 72 | 21 922 |

3. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 1 għandhom jiġu awtorizzati wkoll biex jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-IOTC.

4. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 2 għandhom jiġu awtorizzati wkoll biex jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-Żona tal-IOTC.

[42] Barra minn hekk, Franza tista’ tawtorizza, sal-aħħar tal-2011, 15-il bastiment tas-sajd li jtajru l-bandiera ta’ Franza u li huma rreġistrati b’mod esklussive f’La Réunion, sakemm dawn il-bastimenti ma jaqbżux il-kapaċità kombinata massima ta’ 3 375 TG).

**ANNESS VII**

# ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

| | |
|---|---|
| Spanja | |
| L-UE | |

## ANNESS VIII

## LIMITI KWANTITATTIVI TA' SAJD GĦALL-AWTORIZZAZZJONIJIET GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UE

| Stat tal-Bandiera | Sajd | Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd | Għadd massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin |
|---|---|---|---|
| In-Norveġja | Għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | | |
| Il-Gżejjer Faeroe | Għall-kavallli, iż-żona VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N);iż-żoni VIIe, f, h, għas-sawrell, iż-żoni IV, VIa (it-Tramuntana ta'56° 30' N), iż-żoni VIIe, f, h; għall-aringi, iż-żona VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N) | | |
| | Għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62° 00' N | | |
| | Għall-aringi, iż-żona IIIa | | |
| | Sajd industrijali għan-Norway pout u l-laċċa kaħla, iż-żoni IV, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N); għaċ-ċiċċirell, iż-żona IV (inkluż qabdiet inċidentali li ma jistgħux jiġu evitati ta' stokkafixx) | | |
| | Għal-lipp u t-tusk | | |
| | Għall-istokkafixx, iż-żoni II, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N), iż-żoni VIb, VII (fil-Punent ta' 12° 00' W) | | |
| | Għal-linarda | | |